NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – AWWISSU 2018

Nru 194



ritratt: Clayton Grech

U kemm nixtieq nerġa' niltaqa' ma' San Ġorġ Martri!...
Se nħares lejn **għajnejkom u nfittex f'qalbkom**, u jekk nara **xewqa** li tħobbu lill-Mulej Ġesù, li tesperjenzawh, li tippruvaw tgħixu, minkejja d-dgħufija tagħna, **il-karità u l-imħabba**...
jekk inħares lejn għajnejkom
u nara f'qalbkom din ix-xewqa kbira li **taraw lil Kristu fil-fqir**...
allura ngħid:
**"Illum erġajt iltqajt ma' San Ġorġ!"**.

Mill-Kuruna ta' Tifħir u Ġieħ lil San Ġorġ minsuġa minn Patri Marcello Ghirlando OFM fil-Pontifikal Solenni ta' nhar San Ġorġ, 15 ta' Lulju 2018

Proġetti u opri ġodda 6



50 sena Tribuna 13



Fortunato Mizzi 20



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Ufficcju Parrokkjali Bażilika San Ġorg Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Xogħlijiet u restawr

Bħalissa l-Parroċċa għaddejja b'numru ta' xogħlijiet li qed isiru fil-Bażilika jew inkella fil-binjiet annessi magħha. Dawn huma frott ta' ħidma ta' diversi persuni li bi pjan ħasbu għal diversi bżonnijiet li għandha l-komunità tagħna. Kif ħabbarna wkoll f'din ir-rivista, il-proġetti huma diversi u jaqdu għadd ta' bżonnijiet.

Fuq quddiem nett insibu r-restawr tal-koppla minn ġew kif ukoll taż-żewġ kwadri laterali ta' Francesco V. Zahra. Proġett ieħor hu dak tar-restawr tal-knisja minn barra, jiġifieri l-faċċata, il-kampnari u l-koppla. Dawn iż-żewġ proġetti kbar ta' restawr ġew wara li ġie żgurat finanzjament sostanzjali, biex kemm jista' jkun ma nkunux ta' piż kbir fuq il-parruċċani. Fondi mill-Unjoni Ewropea – fil-każ tal-koppla minn ġew u l-kwadri ta' Zahra –, u fondi mill-Ministeru għal Għawdex – fil-każ tar-restawr tal-faċċata –, ser ikunu qed jiżguraw it-twettiq ta' dawn il-proġetti.

Kif qed nuru wkoll fl-aħħar paġna ta' din il-ħarġa, wara restawr li sar fuq l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol Wistin Camilleri, din inħarġet purċissjoni fil-festa tiegħu tal-1 ta' Mejju. Ma' dan ir-restawr jingħaqad ukoll ir-restawr tas-soprakwadru tal-titular. Dan twaħħal lura f'postu wara għadd kbir ta' snin li kien ilu mwarrab – u b'dispjaċir – fi stat ħażin ta' konservazzjoni.

Bżonn ieħor li kien qed jinħass fil-parroċċa kien dak ta' post adegwat għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti. Ittieħdet id-deċiżjoni kuraġġjuża li post li kien mitluq bħala kantina jiġi żgumbrat u minflok isir pjan biex fi żmien qasir jinbidel f'ċentru ta' attività pastorali: it-23four hub. Tul ix-xhur tas-sajf kienu diversi l-voluntiera li ħadmu fuq ix-xogħlijiet. Hu mistenni li fi żmien il-Milied dawn ix-xogħlijiet ikunu konklużi.

Dan kollu sar u qed isir bil-kollaborazzjoni ta' bosta nies, ħafna minnhom fuq bażi volontarja, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Parroċċa. Ta min ifakkar u jirringrazzja lil kull min ta l-kontribut finanzjarju biex inkunu nistgħu nilħqu l-mira ta' €50,000. Proġetti bħal dawn iżommu ħajja l-parroċċa, filwaqt li tkun qed tattrezza ruħha għall-bżonnijiet preżenti u dawk futuri.

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 12/05/2018 | **Dave**, bin Marcell Vella u Ariane Vassallo |
| 13/05/2018 | **Sarah**, bint Michel Hili u Anna Maria Tabone |
| 20/05/2018 | **Noah**, bin Frederick Spiteri u Rebekah Attard |
| 27/05/2018 | **Ethan**, bin Jean Paul Gatt u Christine Marie Camilleri |
| 30/06/2018 | **Gwen**, bint Nicholas Formosa u Ritienne Attard |
| 21/07/2018 | **Nell**, bint Piotr Armatys u Simone Camilleri |
| 28/07/2018 | **Luke**, bin James Grima u Elaine Paira Grima |
| 12/08/2018 | **Juliette**, bint Edward Smith u Francesca Attard |

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 26/05/2018 | **Mark Pace u Jennifer Muscat** |
| 27/05/2018 | **Clint Camilleri u Debora Mercieca** |
| 09/06/2018 | **Jeremy Debattista u Judie Attard** |
| 23/06/2018 | **Michael John Peace u Lucienne Attard** |
| 30/06/2018 | **Gordon Galea u Janette Muscat** |
| 06/07/2018 | **Manuel Buhagiar u Marion Portelli** |
| 07/07/2018 | **Nathanael Zammit u Michelina Magrin** |
| 20/07/2018 | **James Cuschieri u Caroline Scicluna** |
| 17/08/2018 | **Oliver Farrugia u Natalie Jane Sciortino** |

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 21/05/2018 | **Giovanna Azzopardi** |
| 25/05/2018 | **Ian Portelli** |
| 09/06/2018 | **Pauline Grima** |
| 07/06/2018 | **Carmela Bugeja** |
| 10/06/2018 | **Josephine Grech** |
| 11/06/2018 | **Miriam Grech** |
| 13/06/2018 | **Pawla Cassar** |
| 15/07/2018 | **Dolores Cassar** |
| 18/07/2018 | **Spiridione Grech** |
| 28/07/2018 | **Carmen Caruana** |
| 28/07/2018 | **Carmela Said** |
| 13/08/2018 | **Angolina Saliba** |

### DONAZZJONIJIET

Mons. Coronato Grima (il-Belt Victoria) – €10

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, b'għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



## Il-ħajja jew tagħtiha jew tarmiha

Il-ħajja togħġob lil kulħadd. Iżda l-ħajja ma tintweriex biss mill-fatt li bniedem għadu jieħu n-nifs. Il-ħajja tmur lil hemm mill-aspett purament bijoloġiku u fiżjoloġiku. Fil-fatt, espressjonijiet bħal "mimli ħajja" jew "bla ħajja" juru li l-bniedem jara l-ħajja jew il-mewt anki f'kulma jagħmel u jgħix. Anki l-imħabba tista' titlef il-ħajja tagħha. Anki bniedem ħaj jista' jkun bla ħajja. Jirrakkontaw li kien hemm persuna li ddeċidiet li tikteb fuq il-qabar tagħha: "Dan baqa' jgħix sa ma miet". Mal-ewwel daqqa t'għajn tinstema' bla sens, iżda meta tirrifletti fuqha tinduna kemm fiha verità, għax mhux tant importanti t-tul tas-snin li wieħed jgħaddi ħaj, iżda ferm iktar importanti kemm ħajja wieħed ikollu tul is-snin.

**Jista' jagħti ħajtu biss min hu ħaj**

Fil-kapitlu 10 tal-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jippreżenta ruħu bħala r-Ragħaj li għandu l-kapaċità li jagħti ħajtu. Hu juri kif ragħaj mikri jara x'se jieħu minn fuq in-nagħaġ tiegħu. Ir-ragħaj mikri hu bla ħajja u jisraq ħajjet ħaddieħor. Iżda Kristu, li hu t-triq, il-verità u l-ħajja, għandu s-setgħa li jagħti l-ħajja. Huwa minn naħa jagħti l-ħajja lin-nagħaġ tiegħu. Mingħajru n-nagħaġ ma jeżistux. Jagħtihom il-ħajja u jiddefendi l-ħajja tagħhom minn min irid jeħodhielhom. Barra minn dan, huwa jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Il-valur immens tal-imħabba ta' Kristu jidher meta jagħti ħajtu għal dawk li jħobb, jiġifieri għal kulħadd. San Pawl jgħid: "Meta aħna konna bla saħħa, Kristu, meta wasal iż-żmien, miet għall-ħżiena. Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:7-8).

**Il-Kristjan hu ħaj u jagħti l-ħajja**

Aħna Nsara tal-qawmien. Aħna nemmnu fil-ħajja. Hu għalhekk li x-xogħol tal-Kristjan fid-dinja tal-lum hu li jgħaddi l-ħajja vera li rċieva minn Kristu lis-soċjetà li fiha jgħix, kif ukoll jiddefendi l-ħajja tal-oħrajn minn ragħajja mikrija. Il-Kristjan bil-ħajja tiegħu juri li l-fidi fi Kristu tagħti l-paċi tal-qalb. Il-Kristjan bil-ħajja tiegħu hu xhud li Kristu biss jagħti l-ħajja, filwaqt li jeżistu ħafna affarijiet oħra li jistgħu jisirqu l-ferħ u l-ħajja vera. Kristu fl-Aħħar Ċena jgħid: "Għax din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lkoll lilek, Alla veru, u lil Ġesù Kristu li inti bgħatt" (Ġw 17:3). Meta niċċelebraw il-qaddisin u l-martri, ma niċċelebrawx biss il-fatt li taw ħajjithom jew li xerrdu demmhom għal Kristu, iżda niċċelebraw ukoll il-fatt li dawn taw il-ħajja lid-dinja. Fil-paniġierku ta' din is-sena Patri Marcello Ghirlando ofm spjega ċar kif lil San Ġorġ l-Insara ta' żmienu rawh kbir mhux biss għax miet martri, iżda għax fil-kuntest li fih kien jgħix ta l-ħajja lill-fidi li kienet qed tnin frott il-biża' u t-telqa. Il-kuraġġ tiegħu ta spinta lill-komunitajiet ta' żmienu li, meta affaċċjati mill-persekuzzjonijiet, bdew jitilfu l-fervur u jitilqu l-fidi.

**Is-suwiċida u l-martri**

Għalkemm ir-riżultat jista' jidher simili, hemm differenza kbira bejn is-suwiċida u l-martri. Mal-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li t-tnejn tilfu ħajjithom. Iżda filwaqt li s-suwiċida hu bniedem li ħafna drabi tilef l-iskop tal-ħajja qabel neħħa ħajtu, il-martri, mhux tilef ħajtu, iżda taha għal skop ogħla. Il-martri ma jeħdulux ħajtu, iżda jagħtiha. Ġesù jħeġġiġna biex ħajjitna ma narmuhiex. L-ewwel jgħinna niskopru l-valur kbir tal-ħajja meta niskopru lilu, imbagħad jimbuttana biex nagħtuha lil ħaddieħor. Dan mhux bilfors fil-martirju, iżda nistgħu nagħmluh fil-martirji żgħar ta' kuljum, fl-imħabba ta' ħutna l-bnedmin, fil-ħarsa lejn il-fqir.

**Aħna komunità Kristjana u Ġorġjana**

Kemm hu sabiħ li nħallu lill-Patrun tagħna San Ġorġ jgħinna nerġgħu niskopru l-ħajja tal-fidi biex ngħixu fidi ħajja! Kemm hu sabiħ li nkomplu nħeġġu lill-parroċċa tagħna biex timxi lejn Kristu li jagħti l-ħajja! Ejjew nawguraw lil xulxin li nkunu Kristjani fl-isem u fil-ħajja, u bħal Kristu u San Ġorġ inwasslu l-ħajja lill-oħrajn, filwaqt li nkunu lesti nagħtu ħajjitna għal dawk li l-Mulej jibgħat fil-ħajja tagħna.

**STOP PRESS**

**Aħna u sejrin għall-istampa ta' din il-ħarġa, waslulna żewġ aħbarijiet tassew sbieħ dwar membri tal-parroċċa tagħna li jagħmlulna ġieħ:**

- **Dr John Galea**, Direttur mużikali tal-Chorus Urbanus, ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina u Dekana La Stella u għamel id-'debutt' tiegħu fil-Festa tal-Kunċizzjoni;
- **Mons. Dr Ġużeppi Farrugia**, eks-Arċipriet tal-Bażilika Ġorġjana, ġie mxierek fl-Ordni Nazzjonali tal-Mertu, wieħed mill-unuri ta' Ġieħ ir-Repubblika mogħtija mill-President ta' Malta f'dan il-Jum Nazzjonali.

*Nifirħulhom!*

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI
## MEJJU - AWWISSU 2018

Fl-1 ta' Mejju nżamm Seminar parrokkjali għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom. Dan beda b'quddiesa fil-Knisja arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, u kompla b'laqgħat fl-Iskola Primarja u fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Għajnsielem, u mbagħad ikla flimkien f'Dar Arka.





Il-kandidati tal-Griżma tal-Isqof ħejjew huma stess stediniet lill-komunità parrokkjali għaċ-ċelebrazzjoni tal-Konfirmazzjoni tagħhom. Dan għamluh billi ħadu vidjow qasir u ħadmu invit li ttellgħu fuq il-midja soċjali tal-parroċċa.



**IL-KONFIRMAZZJONI - Il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018**
Frederika Abela, George Abela, Gorgianne Attard, Amber Azzopardi, Krista Azzopardi, Mirei Bugeja, Perla Bugeja, Marissa Camilleri, Martina Caruana, Tammy-Jo Caruana, Alysa Cassar Casha, Jean Cauchi, Zack Cauchi, Elena Cini, Katia Curmi, Malcolm George Debattista, Daphne Delicata, Andrew Dimech, Jake Farrugia, Adam Galea, Davida Gatt, Dana Lautier, Michael Magrin, Bradley Mercieca, Leah Micallef, Julia Portelli, Shannon-Jo Sant, Philippa Ann Scerri, Elisa Tabone, Bradley Vella, Ariane Xerri

Ritratt: Scerri Photo Studio



**L-EWWEL TQARBINA - Il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2018**

David Attard, Joseph Attard, Cara Axiak, Jodi-Lee Bartolo, Jurgen Bugeja, Dean Camilleri, Eman George Camilleri, Leah Camilleri, Luciano Camilleri, Joseph Caruana, Mariette Cauchi, Melody Cauchi, Francesca Cutajar, Lara Marie Ellis, Megan Farrugia, Maya Formosa Sagona, Guillermo Ganet Martinez, Carlota Ganet Martinez, Carla Lautier, David Magrin, Krista Mifsud, Mattheas Pace, Alessia Sacco, Lucas Said, Isaac Saliba, Jake Schembri, Christine Spiteri, Riley Sultana, Kurt Theuma Scerri, Jean Valletta Caruana, Elisa Vella, Estelle Vella, Keeva Vella, Mirei Vella, Nina Xerri, Waylon Vella, Kristina Zammit, Leah Zerafa

Ritratt: CVC Media



Il-Ħadd 6 ta' Mejju, fuq xewqa tal-Isqof, l-għeluq tal-Kwaranturi Solenni fil-Belt Victoria ġie ċċelebrat flimkien miż-żewġ komunitajiet parrokkjali u dawk tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u Agostinjani. Wara quddiesa fi Pjazza Indipendenza, il-Purċissjoni bl-Ewkaristija Mqaddsa daret it-toroq tar-Rabat u ntemmet bil-Barka Ewkaristika fit-Tokk.

Ritratt: Anthony Grech

Fil-jiem tan-Novena ta' San Ġorġ, il-Parroċċa stiednet kategoriji differenti għall-Ewkaristija. Fir-Raba' Jum, it-3 ta' Lulju, il-familji kollha li kellhom tarbija fl-aħħar sena għamlu l-preżentazzjoni ta' wliedhom lil San Ġorġ.



# Proġetti u Opri ġodda

**Restawr tas-soprakwadru tat-titular ta' Mattia Preti**

Fil-bidu nett tas-seklu għoxrin, wara li ġie mkabbar il-Kor tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), il-Prokuratur ta' dak iż-żmien, ħaseb biex jagħni l-kwadru titulari ta' Mattia Preti b'dekorazzjoni rikka tal-injam indurat li tissejjaħ 'soprakwadru', bl-għan ukoll li tkun tikkumplimenta lill-kwadri ta' Francesco Zahra u Attilio Palombi fl-istess kor. Din hija magħmula minn tliet biċċiet: il-parti ċentrali ta' fuq, u żewġ mazzettuni fil-ġnub. Fis-snin ħamsin ġiet imneħħija minn postha u twaħħlet fl-Awla Kapitulari fejn matul is-snin ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Ħames snin ilu ttieħdet għar-restawr għand is-Sur Lawrence Grima ta' Ħal Qormi li wettaq fuqha xogħol ta' tisħiħ, tiġdid u induratura. Fl-14 ta' April 2018, numru ta' voluntiera flimkien mar-restawratur ħadu ħsieb li tittella' lura f'postha mal-kwadru titulari ta' San Ġorġ li għalih inħasbet u saret.



**Restawr u induratura tal-istatwa ta' San Ġużepp**



Dawn l-aħħar snin l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol imponenti ta' Wistin Camilleri li jmur lura għas-snin bikrin tas-seklu għoxrin, tfaċċawlha xi ħsarat, l-aktar fil-parti ta' wara tal-figura prinċipali tal-qaddis, kif ukoll xi ċedimenti fl-istruttura n-naħa ta' isfel. Għaldaqstant, saru interventi diskreti ħafna minn bin Wistin, Michael Camilleri Cauchi, li kienu jinkludu tiswija fil-partijiet bil-ħsara, tindif tal-karnaġġjon u l-bqija taż-żebgħa biex jibqgħu oriġinali, u induratura ġdida li kienet kważi spiċċat għalkollox. L-induratura saret minn Christian Debono. Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni kien essenzjali biex din l-istatwa mhux biss tintraddilha s-sbuħija oriġinali tagħha, imma tkun ukoll mezz qawwi biex tkompli tikber fina l-imħabba għall-qaddis Protettur tal-Knisja universali. L-istess statwa, wara waqfien ta' diversi snin, inħarġet purċissjoni fl-1 ta' Mejju

**Aktar xogħol ta' preparazzjoni għar-restawr tal-faċċata, il-koppla u l-kwadri ta' Zahra**

Wara li tlesta x-xogħol burokratiku, li fost l-oħrajn kien jinkludi t-tlestija tat-*tender*, dan inħareġ għall-pubbliku nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju. Ixxandru diversi avviżi, kemm fuq il-midja stampata u dik soċjali, biex kull min kien interessat seta' japplika. Is-sejħa għall-offerti għalqet nhar is-7 ta' Settembru fl-10.30am. Ix-xogħlijiet relatati mar-restawr tal-faċċata huma ffinanzjati mill-Ministeru għal Għawdex, b'għotja ta' €106,000.


Bażilika San Ġorġ

**CALL FOR TENDERS**

St George's Parish Office with the collaboration of the Department of ECO Gozo, Ministry for Gozo would like to announce the launch of the following tender:

**SG001/2018 Works Tender for the restoration of the façade, dome, belfries and flanks of St George's Basilica Victoria, Gozo.**

Tender documents may be obtained from St George's Basilica website
http://www.stgeorge.org.mt

Interested bidders are to submit their SEALED TENDERS by 7 September 2018 at 10.30am.
Tenders are to be deposited in the tender box at St George's Parish Office, Triq il-Karita', Victoria, Gozo.
Further information may be obtained by e-mail on info@sangorg.org

eco gozo




Fir-rigward tal-proġett tar-restawr tal-koppla minn ġew u dak tal-kwadri laterali ta' Francesco Zahra, wara konsultazzjoni mal-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Fondazzjoni Kura fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex ħarġet it-tender għal dawn ix-xogħlijiet. Il-proġett hu kofinanzjat mill-fondi Ewropej u hu parti mill-Proġett Kura mmexxi mid-Djoċesi ta' Għawdex.

**23four Hub**

Matul ix-xhur tas-sajf tkompla x-xogħol relatat mat-tlestija tat-*23four Hub*. Sar xogħol prinċipalment relatat maċ-ċirkulazzjoni tal-arja tal-post fejn ġie stallat makkinarju apposta. Dan ix-xogħol kien ikkumplimentat minn żgumbrar ta' affarijiet li matul is-snin kienu nġemgħu fil-post. Sar ukoll xogħol marbut mal-elettriku, drenaġġ, *gypsum*, u tagħmir u tisbiħ ġenerali tal-post.

*Aktar tagħrif fuq l-istatwa*

## L-istatwa ta' San Ġużepp irrestawrata

Wara snin li fihom l-istatwa artistika u devota ta' San Ġużepp, opra ta' Wistin Camilleri, kienet għar-restawr meħtieġ, f'Mejju li għadda din tlestiet mix-xogħol kollu ta' konservazzjoni li sar fuqha, biex illum qed terġa' titgawda mill-ħafna devoti tiegħu fil-Parroċċa Ġorġjana.

Ix-xogħol tar-restawr sar minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi, waqt li saritilha induratura ġdida minn Christian Debono.

L-istatwa, xogħol fil-kartapesta maħdum fl-1924, turi lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. Fil-fatt, l-istatwa turi lill-qaddis bit-tarbija Ġesù f'idu l-waħda, waqt li l-oħra hi miftuħa f'ġest ta' protezzjoni fuq tfajla li tirrappreżenta lill-Knisja, kif juru l-mudell ta' knisja u s-salib fiż-żewġ idejn tagħha. Anġlu ċkejken, jew puttinu, jidher fuq il-ġenb l-ieħor bil-ġilju f'idu, simbolu tas-safa tal-Għarus Kastissmu tal-Verġni Mbierka. San Ġużepp jidher merfugħ fuq is-sħab, simbolu tal-glorja li hu jgawdi fil-Ġenna fost il-qima ta' tant devoti, u qed jirfes taħt riġlejh is-serpent, simbolu antik tax-xitan. Kien il-Beatu Papa Piju IX li fl-1870 qiegħed lill-Knisja taħt il-protezzjoni tal-Missier Putattiv ta' Ġesù.

Illum il-ġurnata din ix-xbieha għażiża tinsab lura fin-niċċa sabiħa tagħha – issa rrestawrata wkoll – fis-Sagristija tal-Bażilika, imma fl-antik kienet tinżamm f'postijiet oħra u kienet ukoll issirilha festa bil-purċissjoni f'Mejju.

Fl-okkażjoni tat-tlestija ta' dan il-proġett ta' restawr, it-Tlieta 1 ta' Mejju 2018, Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, l-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Bażilika fis-6.00pm u wara saret Purċissjoni devota mat-toroq prinċipali tar-Rabat li fiha ngħadet it-talba tar-Rużarju mqaddes.

Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Paul M. Cassar, li għoġbu jaqsam magħna xi tagħrif dwar il-kummissjoni ta' din l-istatwa, kif ġej (b'xi tagħrif storiku ieħor li żidna):

"Il-benefattur tagħha kien ċertu Ġużepp Zammit (1892-1952), imlaqqam 'tat-Tajjar', bin Luigi u Carmela mwielda Debono, u li kien joqgħod 9, Triq Santa Marija, ir-Rabat, jiġifieri fil-Mandraġġ faċċata ta' Triq l-Assunta. F'din id-dar, li wara mewtu nxtrat mill-Familja Grech fejn miżżewweġ jien, konna noqogħdu jien u marti fl-ewwel snin taż-żwieġ tagħna sa xħin bnejt dar ġdida fejn illum joqgħod ibni fi Triq Sir Arturo Mercieca.

Zammit, li miet għażeb ta' sittin sena fid-29 ta' Diċembru 1952, kellu parentela viċina ma' nies il-mara tiegħi. Mingħandha, li kienet tafu sewwa (waqt li jien ma nafu xejn), naf ukoll li fl-imgħoddi laħqet kienet għandu waqt il-purċissjoni u b'rikonoxxenza kienu jdawrulu l-istatwa, għax hu ma kienx joħroġ peress li kienu qatgħulu siequ.

Marti qaltli wkoll li l-abbozz tal-istatwa (fir-ritratt) li kien għandu mess bil-wirt lill-familja ta' missier Peppinu Debrincat. Illum jinsab għand l-aħwa Maria u Ġorġa Debrincat".

*ara ritratt fil-qoxra ta' wara*

# L-Art Imqaddsa, Lod u San Ġorġ

## (L-Ewwel Parti)

Patri Noel Muscat OFM

Il-belt ta' Lod (isem bil-Lhudi), jew ta' al-Ludd (isem bl-Għarbi), jew ta' Lidda (isem Grieg-Latin) hi belt moderna fl-Istat ta' Israel, qrib ħafna tal-Ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion. Lod illum hi belt kbira ta' 66,800 abitant, imma fil-fatt għandha nukleu storiku antik ħafna li jmur lura sekli sħaħ.



Lidda fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

Lod moderna tinsab mibnija fuq is-sit tal-kolonja Griega ta' Lidda. Qabel l-indipendenza ta' Iżrael fl-1948 kienet belt għalkollox Għarbija, bl-isem ta' al-Ludd. Lod tissemma għall-ewwel darba fil-lista ta' Tutmosis III f'Karnak fit-tieni millennju qabel Kristu. Il-Bibbja ssemmi l-belt ta' Lod f'Esdra 2:33 u Neħemija 11:35, fejn jingħad li l-belt kienet ġiet abbandunata fil-perjodu tal-eżilju f'Babilonja, imma li l-Lhud reġgħu marru jgħixu fiha meta ġew lura.

L-aktar riferiment importanti għal Lod fil-Bibbja hu dak ta' Atti 9:32-38, li fih Pietru jfejjaq lil Enea l-paralitiku: "Ġara li Pietru, huwa u jdur dawk l-inħawi kollha, niżel ukoll għand il-qaddisin li kienu joqogħdu Lidda. Hemmhekk sab raġel mifluġ, jismu Enea, li kien ilu tmien snin mixħut fis-sodda. Pietru qallu: 'Enea, Ġesù Kristu jfejqek: qum u ifrex is-sodda inti stess'. U dak minnufih qam. In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh, u daru lejn il-Mulej".

Fi żmien l-Imperu Ruman il-belt ta' Lod kien jisimha Diospolis (Colonia Lucia Septimia Severia Diospolis). Wara l-qerda tat-Tempju ta' Ġerusalemm fis-sena 70, Lod saret ċentru importanti tat-tagħlim tat-Talmud, u hemmhekk ir-Rabbi Akiva waqqaf skola rabbinika (*yeshiva*) li fiha kienu jmorru eluf ta' studenti. Fost ir-rabbini famużi li ħarġu minn din l-iskola jissemmew ir-Rabbi Eliezer ben Hyrcanus, ir-Rabbi Tarfon u r-Rabbi Gamaljel.

Imma kien fl-epoka tal-Imperu Biżantin li Lod saret famuża minħabba l-qabar tal-martri San Ġorġ, li l-Kristjani jqimu fiha. Kien f'dan iż-żmien li kienet magħrufa wkoll bħala Georgiopolis (il-belt ta' San Ġorġ). Wara l-ħakma Għarbija (638) tal-Palestina, Lidda kienet belt kapitali tar-reġjun tal-Palestina, sakemm dan iċ-ċentru ttieħed fil-belt viċina ta' Ramleh. Fi żmien il-ħakma Kruċjata (1099-1187) Lidda kienet belt importanti u djoċesi. Saladin rebaħ il-belt, imma l-Kruċjati reġgħu ħaduha f'idejhom fl-1191. Kien ir-Re Rikkardu I (Richard *the Lionheart*) li ta importanza kbira lil Lidda bħala l-belt li fiha, skont it-tradizzjoni, twieled San Ġorġ, qaddis Patrun tal-Ingilterra.

Fi żminijiet aktar reċenti Lidda kienet belt Għarbija, u fil-*UN Partition Plan* tal-1947 kellha tibqa' parti minn dik l-art li kellha tingħata lill-Palestinjani bħala stat. Waqt il-Gwerra Iżraeljana tal-Indipendenza, il-Haganah u l-Irgun ħatfu Lidda fl-1948, u keċċew minnha ħafna mill-Għarab residenti, biex hekk il-belt, li huma semmewha Lod, issir ċentru li jħares it-triq strateġika li tgħaqqad Tel Aviv ma' Ġerusalemm. Illum il-ġurnata l-popolazzjoni ta' Lod hi magħmula minn 80% Iżraeljani, u 20% Għarab (li minnhom 19% huma Musulmani u 1% Kristjani). Huma dawn tal-aħħar li jħarsu l-famuż santwarju li fih hu meqjum il-qabar tal-martri San Ġorġ.

### Il-Kristjaneżmu f'Lod

Fil-mappa famuża fil-mużajk li nstabet fil-Knisja ta' San Ġorġ f'Madaba, il-Ġordanja, u li hi tas-seklu sitta, hemm inkluż l-isem ta' Diospolis, jew Lidda. Dan kollu jindika li, fi żmien il-Biżantini, Lod kienet belt importanti u kienet meqjusa bħala santwarju famuż li fih il-Kristjani kienu



Il-belt ta' Lidda f'disinn bil-lapes ta' Chrysanthus ta' Bursa fl-1807.

jqimu wieħed mill-akbar martri tal-Kristjanità, jiġifieri San Ġorġ. Imma qabel ma nħarsu lejn il-kult mogħti lil San Ġorġ, u li għalih Lod baqgħet famuża, tajjeb li nagħtu daqqa t'għajn lejn l-oriġni tal-Kristjaneżmu f'dawn l-inħawi. Diġà semmejna s-silta tal-Atti 9:32-25, li fiha Pietru jfejjaq lill-paralitiku Enea. L-arkeologu Franġiskan Patri Bellarmino Bagatti OFM, fil-ktieb *Ancient Christian villages in Samaria*, jagħtina studju interessanti fuq il-Kristjaneżmu f'Lod. Hu jistaqsi: Min kienu l-ewwel evanġelizzaturi f'Lidda, jekk l-awtur tal-Atti jgħid li Pietru mar iżur il-qaddisin (il-Kristjani) f'din il-belt? Skont tradizzjoni tas-seklu għaxra, li ġiet ippreservata fil-lingwa Ġorġjana imma li kienet ġiet tradotta mis-Sirjak, l-ewwel evanġelizzatur kien Ġużeppi minn Arimatija. Fil-fatt, skont it-tradizzjoni Ġużeppi kien mill-belt ta' Ramleh, li llum il-ġurnata tmiss ma' Lod u kienet qrib ħafna tagħha. Skont dan id-dokument Ġużeppi kien bena knisja ddedikata lil Omm Alla f'Lidda. Skont kitba oħra msejħa *De Septuaginta Domini discipulis* (*Patrologia Greca* 92,1065), ċertu Zenas, li kien dixxiplu ta' San Pawl, kien sar Isqof ta' Lidda.

L-ewwel Kristjani ta' Lidda kienu Lhud-Kristjani, u kellhom kuntatti mal-iskola Talmudika li semmejna aktar 'il fuq, u b'mod partikulari mar-Rabbi Eliezer ben Hyrcanus. Jingħad li r-Rabbi Tarfon ukoll kien jgħix f'Lidda u li kien ħadha qatta' bla ħabel kontra dawk il-Lhud li kkonvertew lejn il-fidi l-ġdida (il-Kristjaneżmu), u ma kellux skrupli li jeqred l-evanġelji li sab, ukoll jekk fihom kien hemm imniżżel l-isem ta' Alla. Ir-Rabbi Aqiva, li kien għaraf lil Bar Kokhva bħala l-messija fi żmien ir-rivoluzzjoni Lhudija kontra l-Imperatur Adrijanu (135), kien jgħix ukoll f'Lidda. Skont San Ġustinu martri, li hu kontemporanju għal din il-ġrajja, kien f'din l-okkażjoni li kienu mietu wkoll xi martri Lhud-Kristjani, għax ma ridux jagħrfu lil Bar Kokhva bħala messija.

Qrib is-sena 200 ir-Rumani bidlu l-isem ta' Lidda f'dak ta' Diospolis (belt ta' Giove). Kif kienu għamlu f'postijiet oħrajn, huma riedu jagħtu isem pagan lill-belt. Hu f'dan iż-żmien li nibdew niltaqgħu ma' Kristjani li ma kinux Lhud, imma li kienu ġejjin mill-paganiżmu (Kristjani-Ġentili). Fil-fatt, il-Kristjani li sofrew il-martirju mis-seklu tlieta 'l quddiem kienu kollha kkonvertiti mill-paganiżmu. Hekk, waqt il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu (li fiha miet martri San Ġorġ), niltaqgħu mal-martri djaknu Romulus, li ġie arrestat f'Lidda, u ġie maqtul f'Ċesarija fis-sena 305. L-istess miet ċertu Maximus, li kien qassis, skont il-kittieb Ewsebju (*Historia Ecclesiastica* II, 20). Fis-sena 325 nafu li l-Isqof ta' Lidda kien jismu Aetius, għax ismu hu inkluż fil-lista ta' isqfijiet li ħadu sehem fil-Konċilju ta' Niċea.



Pittura ta' Giovanni Domenico Tiepolo li turi l-fejqan tal-paralitiku mill-Appostlu Pietru f'Lidda.



Il-mappa famuża ta' Madaba. Lidda tidher fuq ix-xellug.

Isqof ieħor ta' Lidda fis-seklu erbgħa kien Dionysius, li kien ħabib kbir ta' San Ġlormu. Meta l-qaddis kien ġie skomunikat flimkien mal-komunità monastika tiegħu f'Betlehem, mill-Arċisqof Ġwann II ta' Ġerusalemm, Ġlormu bagħat xi katekumeni li kien għallem hu lejn Lidda biex l-Isqof Dionysius jgħammidhom fil-Lejl tal-Għid. Il-ħbiberija bejn dawn iż-żewġ persunaġġi tidher fittra li Dionysius bagħat lil Theophilus, Patrijarka ta' Lixandra, u li hi miżmuma fost l-ittri ta' San Ġlormu. Dionysius kien ħa sehem fil-Konċilju Ekumeniku ta' Kostantinopli fis-sena 381.



Lidda llum.

Isqfijiet oħrajn ta' Lidda li jissemmew fi żmien il-Biżantini jinkludu lil Photinus, li ħa sehem fil-Konċilju ta' Kalċidonja (451), u Apollonius, li ħa sehem fil-Konċilju ta' Ġerusalemm (581). Wara l-okkupazzjoni Għarbija (638) nsibu lir-raħeb Eustathius bħala Isqof ta' Lidda. Hu kien ġej mill-Monasteru ta' Castellion, qrib il-Laura ta' San Saba.

Fil-mappa tal-mużajk ta' Madaba, Lidda tidher bħala belt tipika Biżantina: belt mingħajr swar, li kellha triq bil-kolonni li fiha jidhru żewġ knejjes: knisja kbira fuq il-lemin u knisja iżgħar fuq ix-xellug, it-tnejn li huma mibnijin fuq pjanta ta' bażilika. Il-knisja li tinsab in-naħa tal-lemin għandha pjazza semiċirkulari b'kolonni quddiemha. Waħda minn dawn il-knejjes irridu nidentifikawha ma' dik ta' San Ġorġ, u hi x'aktarx dik li aktar tard reġgħu bnewha l-Kruċjati, u li waslet sa żminijietna. Il-knisja l-oħra x'aktarx tfakkar il-miraklu li San Pietru wettaq fuq il-paralitiku Enea. Parti mill-knisja Biżantina għadha tidher f'abside li jħares lejn il-lvant fil-Moskea ta' el-Khader, li hi maġenb il-knisja Kruċjata ta' San Ġorġ. F'din il-moskea hemm ukoll skrizzjoni bil-Grieg imnaqqxa fuq kolonna, u li tgħid: "Ir-ragħajja devoti li jippresiedu fuq din il-belt, għal żmien twil fl-imgħoddi kienu mdawlin minn Kristu, u żejnu dan it-tempju glorjuż".

...jissokta f'ħarġa oħra

# Prietka ta' San Albertu l-Kbir dwar San Ġorġ Martri

Mons. Ġużeppi Gauci



*"Militia est vita hominis super terram" (Job 7:1).*
*"Ħajjet il-bniedem mhix forsi taqbida fuq l-art?" (Ġob 7:1).*

Innutaw li llum qed nagħmlu l-festa tal-wisq magħruf u tassew rebbieħ suldat, San Ġorġ, li bl-akbar glorja ħadha kontra tliet għedewwa, jiġifieri d-Dinja, il-Ġisem u d-Demonju. Hu ċaħad il-ġid ta' din id-dinja: hu ħakem sewwa fuq ix-xewqat tal-ġisem. Hu wkoll, minħabba l-fidi tqabad kontra l-għedewwa tal-fidi, jiġifieri kontra x-xjaten u l-ministri tagħhom, u minħabba f'hekk bata l-akbar turmenti u rebaħ.

Dawn, araw, kienu t-turmenti ta' San Ġorġ. L-ewwel, kien marbut fl-ekulew. It-tieni, kien imsawwat bil-vireg. It-tielet, kien mikwi bit-torċi jaqbdu. Ir-raba', kien imsawwat bil-flaġelli u bi strumenti oħra. Il-ħames, il-pjagi tiegħu mtlew bil-melħ. Is-sitt, ġie msakkar f'ħabs mudlam. Is-seba', ingħata jixrob il-kalċi mimli velenu u mrar. It-tmien, ġie mqiegħed f'rota kbira mdawra bi xfafar imsinna li mill-għoli ġew imdawrin fuqu. Id-disa', tqiegħed f'kaldarun mimli ċomb jikwi. L-għaxar, mixħut wiċċu fl-art, ġie mkaxkar mat-toroq u l-imsieraħ. Il-ħdax, ingħata l-mewt bid-daqqa tax-xabla.

U aħna, għeżież tiegħi, għandna nkunu tassew imitaturi ta' dan is-suldat ta' Kristu li rebaħ. Niftakru li "ħajjet il-bniedem mhix forsi taqbida fuq l-art?" (Ġob 7:1).

DE SANCTO GEORGIO
MARTYRE

SERMO XVIII.

*Militia eſt vita hominis ſuper terram.* Iob 7.

NOtate, quod hodie feſtum agitur illuſtriſsimi ac victorioſiſsimi militis beati Georgii, qui triplicem hoſtem, videlicet Mundum, Carnem ac Dæmones glorioſiſsime debellauit. Ipſe enim bona huius mundi contempſit: Ipſe concupiſcentias carnis ſibi ſubegit. Ipſe etiam contra hoſtes fidei, hoc eſt, dæmones & eorum miniſtros decertans pro fide, quam plurima tormenta ſuſtinuit & deuicit. Hæc autem erant tormenta beati Georgii. Primo in eculeum fuit extenſus. Secundo vngulis fuit laceratus. Tertio lampadibus fuit aduſtus. Quarto verberibus ac diuerſis plagis fuit cruentatus. Quin-

Għalhekk, tlieta huma l-ħsibijiet li rridu ninnutaw f'din l-okkażjoni:

1. Liema huma l-għedewwa li rridu nitqabdu magħhom?
2. Liema armi għandna nużaw f'din it-taqbida?
3. Liema hu l-ħlas li, jekk nirbħu, jingħatalna?

**L-ewwel ħsieb**

Tlieta huma l-għedewwa tagħna, jiġifieri d-dinja, il-ġisem u d-demonji. Dwar dawn it-tliet għedewwa hemm sekwenza li tkanta hekk:

*Id-dinja, il-ġisem u d-demonji*
*jqanqlu ġlied mill-aqwa,*
*b'għadd ta' fantażmi,*
*fi triqtna, titħabat ir-ruħ tagħna.*

Id-dinja tiġġeldilna bl-armi tax-xeħħa u tal-għażż: għalhekk, id-dinja tagħmel lill-bniedem xħiħ, għax tqegħedlu l-ġid tad-dinja qabel dak tas-Sema. Hi twassal lill-bniedem għall-għażż u t-telqa fis-servizz ta' Alla; ma jiggustax, mela, dak li hu ta' Alla. Il-ġisem jitqabad kontrina bl-armi tal-ikel u x-xorb żejjed u tal-ġid materjali. Hu jħeġġiġna biex nissodisfaw l-aptit tagħna u mhux 'l Alla u b'hekk iħammeġ lilu nnifsu bil-lussurja. Id-demonju jeħodha kontrina bl-armi tas-suppervja, tal-għira u tal-korla. Hu stess waqa' minħabba s-suppervja, u biex naqgħu aħna wkoll, jissuġġerinielna. Bl-għira tad-demonju wkoll daħlet il-mewt fid-dinja, u għalhekk iħawwilha fi qlubna biex ninqerdu bil-mewt dejjiema. Id-demonju, kif jingħad fl-Apokalissi, "għandu korla kbira fuqu, għax jaf li żmien ftit baqagħlu" (Apok 13:12). Għalhekk, lilna wkoll ikebbes bil-korla, biex iħassar minna wiċċ Alla.

Għalhekk, żomm quddiem għajnejk li dawn it-tliet għedewwa huma fi qbil perfett fosthom biex jeħduha kontra tagħna. Kull wieħed minnhom isinn l-armi tal-oħrajn, hu jaqdi lill-oħrajn bl-armi tiegħu. Dwar l-ewwel għadu, jiġifieri dwar id-dinja, jingħad: "Id-dinja kollha qiegħda taħt idejn il-Ħażin" (1 Ġw 5:19). Fil-Ħażin, jiġifieri fil-ħażen: nafu x'fissret id-dinja għal Kajjin li qatel lil ħuh. Dwar it-tieni għadu, jiġifieri dwar il-ġisem, ikellimna l-Appostlu fl-Ittra lill-Galatin: "Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-Ispirtu, u l-Ispirtu hu kontra l-ġisem" (5:17). Minħabba f'hekk, San Pietru jgħidilna: "Ħuti għeżież, nitlobkom tiċċaħħdu mix-xewqat tal-ġisem li jitqabdu kontra r-ruħ" (1 Pt 2:11). Dwar it-tielet għadu, jiġifieri dwar id-demonju, jitkellem l-Appostlu mal-Efesin: "Il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċipjiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet. Għalhekk, ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen, u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin" (Efes 6:11-13). U billi l-Appostlu javżana biex nieħdu fuqna l-armatura ta' Alla, jixraq li naraw liema huma l-armi li bihom għandna ninqdew.

**It-tieni ħsieb**

Pawlu, fl-Ittra lill-Efesin, kap 6, iħeġġiġna nieħdu fuqna l-armatura ta' Alla. L-ewwel, jitlobna nitħażżmu bil-ħżiem tal-kastità; fil-fatt: "Ħażżmu ġenbejkom bil-verità".



Jingħad li ż-żerriegħa tal-lussurja tinsab fil-ġenbejn, u għalhekk javżana biex nitħażżmu b'kastità vera u mhux biss b'waħda li tidher.

It-tieni, iħeġġiġna biex nilbsu l-kurazza tal-ġustizzja: "Ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja". F'Ġob naqraw: "Ilbist il-ġustizzja"(28:8). Din il-kurazza għandha tilqgħalna minn kullimkien, biex la f'qalbna, la b'għemilna u lanqas b'fommna ma nagħmlu ħsara lill-proxxmu. U jekk f'xi ħaġa nweġġgħuh, ejjew lilu bis-sħiħ nirriparaw, kif nixtieqqu li jsir lilna jekk xi darba ssirilna xi ħsara.

It-tielet, iwissina biex riġlejna fil-mixi tagħhom ikunu mħarsin mill-paċi: "U xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-sliem". Hu tassew meħtieġ għalina li, biex riġlejn ruħna ma jitniggżux mix-xewk tad-dinja, biex ma jingidmux mis-serp tal-għira, u biex ma jaħbtux ma' xi ġebla li tfixkilna fil-mixi tagħna, hu tassew meħtieġ li narmaw ruħna bil-paċi li tana l-Mulej fl-Evanġelju. Fil-fatt, il-Mulej qalilna: "Inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi" (Ġw 14:27).

Ir-raba', l-Appostlu Pawlu jwissina: "Ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin". Jiġifieri titfu n-nar tad-demonju. F'din it-tarka għandu jkun hemm imnaqqax jew impitter is-sinjal tas-salib tal-Mulej, biex b'hekk, filwaqt li bil-fidi nerfgħu fuq spallejna s-salib tal-Mulej, inkunu mħarsa mill-vleġeġ kollha tal-ħażen.

Il-ħames twissija tgħidilna biex narmaw rasna bl-elmu tas-salvazzjoni: "Ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni". L-elmu tas-salvazzjoni hi t-tama, li sseħibna u tqawwina biex niksbu s-salvazzjoni dejjiema. U tassew, din il-ħidma tagħna għandha tkun dejjem imsieħba u mżejna bil-qawwa tat-tama.

Is-sitt twissija turina kif għandna niddefendu ruħna bix-xabla tal-karità "U aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla", jiġifieri l-karità, għax spiritwalment hu f'relazzjoni mal-Kelma ta' Alla dak li qal il-Mulej: "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu... Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti" (Mt 22:37-40). Dan hu tassew veru u xieraq għas-suldat.

Is-seba', iwissina li hu sewwa li neħduha kontra l-għedewwa bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, fl-Ittra lill-Galatin naqraw: "Jekk ngħixu fl-Ispirtu, ħalli nimxi fl-Ispirtu" (Gal 5:23). Hawn intqalilna li l-Ispirtu s-Santu hu l-mexxej u l-awtur tal-ħelsien tagħna; dan hu xieraq u sewwa, għax anki l-Mulej stess kien meħud fid-deżert mill-Ispirtu biex jiġġarrab mid-demonju.

It-tmien riflessjoni tfakkarna dwar il-ħtieġa tax-xabla tal-konverżjoni jew tal-qrara. Bilkemm inkunu nistgħu nitqabdu sewwa jekk ma jirnexxilniex insaffu ruħna mill-qerq tal-għedewwa. Għalhekk aħna, hekk kif nindunaw bis-sitwazzjoni tagħna u minnha nqumu bl-indiema u bil-qrara, naslu biex niġġeddu fil-qawwa tar-ruħ tagħna.

**It-tielet ħsieb**

Liema hu l-ħlas li jistennew ir-rebbieħa ta' Kristu? U żgur li dan hu l-kuruna tal-glorja. Dwar dan kiteb San Pawl lil Timotju: "Tqabad bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù; għax min jibqa' sħiħ waqt il-prova, ma jiġix inkurunat jekk ma jitqabadx sal-aħħar" (2 Tim 2:3-4). Għalhekk, min-naħa l-oħra, min jitqabad sal-aħħar, jingħata l-kuruna, l-aktar il-kuruna mżejna b'kull ħaġra prezzjuża.

Din il-kuruna tkun tixraq li tingħatalna jekk bħal San Ġorġ, il-Martri wisq magħruf u tassew rebbieħ, nitqabdu kontra l-għedewwa ta' ruħna u nirbħulhom kif għamel hu. Ammen.

*Miġjuba għall-Malti minn Mons. Ġużeppi Gauci mil-Latin tal-opra: B. Alberti Magni, "Sermones in dominicas, festaque per annum..."; ex typis Ioannis Albini, 1615; originalis ex Universitas Complutense, Madrid.*





# KEMM NIXTIEQ NITGĦALLEM MINNEK
*- Djalogu ma' San Ġorġ -*

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
o ruħ safja, kollha ġmiel,
kif inħares f'wiċċ il-ħażen
mingħajr biża', mingħajr xkiel.

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
nagħti xhieda tal-Mulej,
mhux biex nidher jew nitkabbar
iżda għax mimli bil-Feddej.

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
kif ma ninħeliex fil-kliem,
nagħmel prietka biss bl-imħabba
u b'hekk noffri ftit tas-sliem.

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
nafda f'Alla f'kull mument
u nitbissem għalkemm mhedded
minn kull xorta ta' turment.

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
nagħti ħajti għal din l-Omm
li hi l-Knisja, Poplu t'Alla,
u l-ġid tagħha f'qalbi nżomm.

Kemm nixtieq nitgħallem minnek
int u ċċarrat dak l-editt
u mal-ewwel qassamt kollox
biex kredibbli int tkun dritt....

Int u tisma' l-inkwiet tiegħi
fuqi tfajt ħarset għajnejk
u b'imħabba liema bħalha
dlonk bexxaqtli dawk xufftejk,

U mort għedtli: Għażiż tiegħi,
taqtax qalbek, titħawwadx!
Irċevejna l-istess Spirtu:
qawwi qalbek, la tibżax.

Kompli agħmel xogħlok sewwa,
ħobb kemm tista', kull mument,
u b'għemilek kun għad-dinja
tal-kbir Alla sagrament.

Tinkwetax jekk tħossok waħdek,
jekk id-dinja ma tifhmekx!
Ħa nkun miegħek, nieħu ħsiebek
biex il-ħażen ma jkissrekx.

Taqtax qalbek, għix għal Kristu,
ħalli lilu jmexxik.
Tgħannaq miegħu, ħallih jaħdem:
ħwejjeġ kbar Hu jagħmel bik.

*Dun Simon Mario Cachia*
16 ta' April 2018

## Mawra fl-Italja tal-Grupp taż-Żgħażagħ tas-6th Form flimkien mal-*leaders* u l-Arċipriet



# Il-kummissjoni u t-twettiq tat-Tribuna fil-Bażilika ta' San Ġorġ Għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha (1967-2017)

## (It-tieni u l-aħħar parti)

Charles Cassar

*...jaqbad mill-ħarġa ta' Settembru-Diċembru 2017*



L-iskultur Carlo Pisi (1897-1979)

Fil-ħarġa ta' qabel konna ktibna li hekk kif fl-1958 il-Knisja parrokkjali Ġorġjana ngħatat il-ġieħ mistħoqq ta' Bażilika, kienu diġà bdew isiru preparamenti biex l-altar maġġur jinbidel ma' ieħor għamla ta' altar-mejda. Barra minn hekk, kienet ittieħdet deċiżjoni li titwaqqaf tribuna fuq l-istess altar biex b'mod viżibbli turi l-privileġġ għoli li bih kienet mogħnija l-knisja. Ktibna dwar ix-xogħol li sar bejn is-snin 1958 u l-bidu tal-1963. F'din il-ħarġa nkomplu minn fejn ħallejna biex nagħtu iktar tagħrif.

Bejn April u Settembru 1963 seħħew żviluppi importanti. Jidher sewwa li wara evalwazzjoni mill-kummissjonanti ġie deċiż li t-tribuna kellha tkun bħal dik tal-Bernini f'San Pietru, f'Ruma – naturalment b'mod li l-qisien kellhom jiġu adattati għall-ispazji eżistenti fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan kollu joħroġ mill-ittra li ntbagħtet minn Ruma bid-data tal-14 ta' Settembru 1963. Din l-ittra, li għandha t-titlu "Baldacchino – Tribuna, In nomine Domini – procedamus in pace", flimkien ukoll ma' stima mehmuża magħha, hija ta' valur storiku għoli fl-istorja tat-tribuna.

F'ittra tiegħu Paolo Pace kiteb li f'dak iż-żmien hu kien wettaq xogħol importantissmu (anzi, kif iddiskrivieh hu stess, "lavoro super-importantissimo"). Pace qal li hu kien irnexxielu jikseb il-qisien kollha tat-tribuna tal-Bernini, u għalhekk wieħed seta' jistudja u jikkalkula l-proporzjonijiet eżatti. Hawnhekk il-qarrej għandu jifhem li t-tribuna kellha tkun imfassla bi proporzjon skont il-qisien tal-kwadrat fiss li kien diġà f'postu fil-Knisja ta' San Ġorġ, magħmul mill-erba' bażijiet/pedistalli tal-kolonni. Pace kiteb li kien sar disinn akkurat bil-bosta u li l-istess disinn kien studjat minn sitt professuri tal-arti. Dawn kienu ż-żewġ professuri u periti Ena u Scazzocchio mid-Dipartiment tal-Arkitettura fl-Accademia di Belle Arti ta' Ruma; l-iskultur Carlo Pisi; il-pittur Gian Battista Conti, flimkien maż-żewġ esperti l-professuri Paolo u Virgilio Bucci.

Mill-kalkoli magħmula dakinhar minn dawn is-sitt esperti kien stabbilit li kull waħda mill-erba' kolonni kellha togħla 3.70 metri mill-bażi/dado, bil-kapitell inkluż. Barra minn hekk kull kolonna, skont ir-regoli tal-istil Klassiku, kellu jkollha entasi jew tnaqqis fil-ħxuna tagħha ta' kwint. Dan ifisser li jekk nieħdu li l-bażi tkun 100, il-parti ta' fuq li tmiss man-naħa ta' isfel tal-kapitell trid tkun 80 (jew 4/5). L-istess tnaqqis ried ikun applikat għall-weraq dekorattiv u għalhekk kellhom jonqsu fil-qies iktar ma jitilgħu 'l fuq.



Skiżż tat-tribuna ta' San Ġorġ maħdum mill-iskultur Pisi.

Min-naħa l-oħra, ta' min jgħid li l-Bernini meta fassal it-tribuna ta' San Pietru ma kienx mexa strettament mar-regoli stabbiliti, imma kien wettaq id-disinn skont il-gosti tiegħu. Għalhekk, biex tkun tixbahha, it-tribuna ta' San Ġorġ kellha tkun imfassla skont l-idjoma li kien uża l-Bernini, għax kif qal sewwa fl-ittra tiegħu, wieħed ma għandux jazzarda jikkoreġi lill-Bernini.

Wara dan kienet saret diskussjoni sfiqa bejn il-Professuri Paolo u Virgilio Bucci u l-Perit Scazzocchio biex ikunu stabbiliti l-mod u s-sistema li kellha tintuża għall-mudell ta' kolonna bl-istil Salomoniku. B'riżultat ta' din id-diskussjoni, li għaliha kien preżenti wkoll Carlo Pisi, kien deċiż li kien hemm bżonn li jissawru żewġ mudelli ta' żewġ kolonni billi d-disinni tal-kolonni ta' naħa u l-oħra riedu jkunu jduru fuqhom infushom (spirall) kontra xulxin. Dan ix-xogħol ta' mudellar kien diffiċli ħafna minħabba l-fatt li dawk inkarigati kellhom joqogħdu attenti bil-bosta, għax żball, ċkejken kemm hu ċkejken, kien iħassar il-proporzjonalità kollha tat-tribuna. Dan barra l-fatt li



x-xogħol ta' pjanti, disinni u mollijiet b'miżuri fil-kobor veru tagħhom, kif ukoll il-mudellazzjoni perfetta tagħhom, kienu ser iqumu ħafna flus.

Flimkien mal-ittra tiegħu, Pace kien ukoll bagħat stima mingħand id-ditta Rumana ta' Prof. Paolo u Virgilio Bucci fu Luigi li kkalkulaw li biex jagħmlu mudell ta' kolonna, skont "la regola d'arte", riedu s-somma ta' żewġ miljun lira Taljana; somma li għal dak iż-żmien kienet waħda għolja ħafna.

Niġu issa għal ittra mibgħuta minn Ruma, li ġġib id-data tad-19 ta' Diċembru 1963. Bħal kważi fl-ittri kollha tiegħu, Pace jsemmi u jagħti tagħrif dwar diversi kummissjonijiet li kienu qed jitwettqu f'dak iż-żmien għal San Ġorġ. Pace jikteb li x-xogħol fuq il-mudelli kien wieħed ta' responsabbiltà kbira u kien jeħtieġ il-koperazzjoni ta' diversi persuni kompetenti. Ikompli jgħid li biex ikollu aktar tagħrif f'idejh hu kien ħa ħsieb li jqabbad fotografu, ċertu Giordani, biex dan jiġbed ritratti ta' dettalji tat-tribuna f'San Pietru. Kompla jikteb li għal diversi ġimgħat issa, qisu bi preċett, hu u ħatnu Carlo Pisi kienu jmorru kull nhar ta' Ħadd għall-quddiesa San Pietru biex wara jkunu jistgħu jifhu sewwa u jistudjaw mill-qrib it-tribuna.

Kien ukoll f'dak il-perjodu li kien qed isir ix-xogħol ta' tfassil ta' pjanti u disinni tal-parti ta' fuq tat-tribuna, jiġifieri mill-erba' kapitelli 'l fuq, bis-soffitt kollu. Dan kien xogħol kumpless u kien jeħtieġ ħafna ħsieb. Pace kien qiegħed jipproponi li l-ewwel isiru s-soqfa ta' ġewwa biex dawn iżommu l-istruttura kollha mill-kapitelli 'l fuq. Barra minn dan kien propost li biex il-paletti tat-tużell ma jidhrux imtaqqla, huma kellhom isiru minn pjanċi tal-bronż bid-disinn imqabbeż fuqhom, b'hekk jidhru iktar sbieħ u naturali. Fuq kull paletta, b'mod alternattiv, kienu se jitpoġġew l-arma tal-Papa Pacelli u mbagħad ras ta' anġlu.

Kif nista' nifhem mill-informazzjoni li ġbart minn diversi nies midħla ta' San Ġorġ f'dak iż-żmien, meta Pace reġa' ġie Għawdex fil-bidu tas-sena 1964, hu kien ġab miegħu kopji tal-pjanti. Minn din l-informazzjoni kollha kien sar mudell tal-kartun tal-prospettiva tat-tribuna f'qisien ta' kobor reali. Dan il-mudell kien indaħal għalih Toni Saliba. Il-mudell kien iddendel mis-saqaf quddiem l-altar maġġur biex bih il-kummissjonanti setgħu jieħdu idea ċara ta' kif kellha togħla u tidher meta titwaqqaf it-tribuna tal-bronż. M'għandniex xi ngħidu, il-kummissjonanti baqgħu b'togħma tajba b'dak li raw u approvaw ix-xogħol.

Fis-6 ta' April 1964 Paolo Pace jinforma lill-Prokuratur Dun Anton Grech Vella li x-xogħol fuq il-mudell ta' kolonna, kompluta bil-kapitell u bażi tagħha, kien kważi lest. Għalhekk hu kien ser jiġbed xi ritratti tagħha biex jużawhom meta jibdew in-negozjati mal-funderija li kien għad kellha tkun magħżula.

Mill-ittra ta' wara, dik tat-22 ta' Ġunju 1964, nistgħu nisiltu aktar tagħrif importanti dwar l-iżviluppi li kienu qed iseħħu. Pace ikkonferma li kien irċieva s-somma ta' $5000, li dak iż-żmien kienu ekwivalenti għal £1785. Dan kien parti mill-ħlas tax-xogħol li kien qiegħed isir fuq it-tribuna. Kompla jikteb li issa x-xogħol fuq il-kolonna bil-kapitell b'kollox kien lest. Għalhekk il-pass li jmiss kien ix-xogħol fuq id-dekorazzjonijiet li kellha tkun mogħnija bihom it-tribuna. Dawn kellhom isiru separati billi riedu jkunu fonduti u indurati għalihom. Kull kolonna kien ser ikollha tmien putti (32 b'kollox). Kull wieħed mill-putti kellu jkun differenti minn kull wieħed ieħor fl-erba' kolonni. Dan kien xogħol li jirrikjedi l-ħin billi Pisi kien ikkalkula li ried tal-inqas tlitt ijiem biex ilesti kull anġlu. Għalhekk dan ix-xogħol biss kellu jieħu tliet xhur, billi kull puttin ried jimmudellah, jinformah biex imbagħad jagħmlu tal-ġibs u wara jirfinah. Wara, l-iskultur kellu jibda jimmudella l-partijiet arkitettoniċi tat-tribuna: l-arkitrav, il-gwarniċi, il-paletti u l-kumplament tal-parti ta' fuq bis-sitt anġli ż-żgħar u l-erbgħa kbar b'kollox.

Fl-istess ittra Pace qal ukoll lil Dun Anton li malli l-immudellar ikun lest, hu kien jistenna li l-Prokuratur flimkien mal-kollaboraturi tiegħu jmorru Ruma biex jaraw il-biċċiet kollha lesti, u jekk ikun hemm bżonn jagħmlu xi tibdiliet li jaraw xierqa. Fl-istess mawra tagħhom dawn kellhom jieħdu l-okkażjoni biex jibdew jinnegozjaw ma' għaxar funderiji artistiċi li kienu jinsabu f'Ruma, Firenze, Pistoia, u Milan. Fost dawn kien hemm il-Funderiji Bongirolami, Bruni, Nicci, Alberati, Navarri, Tartarelli,



7

C. I. LUCCA N. 47642
C. P. 22-6457

POS. EST. M. 430207
CAS. POST. N. 3

Mariani & Belfiore
FONDERIA ARTISTICA DEL BRONZO
PIETRASANTA (LUCCA)
Via Tre Luci, 31 Tel. 70157

/ Rif.
/ Rif.
GGETTO:

Pietrasanta 18 luglio 1967

Preg.mo Sig.
PAOLO PACE
Qbajjar Rd.
MARSALFORNO GOZO

Abbiamo ricevuta la gradita Vs. lettera del 14.7 u.s. e siamo lieti di apprendere che finalmente, malgrado le difficoltà incontrate, abbiate ultimato il montaggio della tribuna. Siamo pertanto ansiosi di ricevere le foto che vorrete cortesemente inviarci.

In merito ai capitelli in bronzo dorato che Vi abbiamo spedito, abbiamo attentamente esaminato il ns. prezzo e siamo pertanto giunti nella determinazione di poter concedere una diminuzione, portando il prezzo a L. 25.000 anzichè a L. 28.000.

Considerando la spesa occorsa per il modello eseguito dal Sig. Polacci di L. 50.000, la doratura e la manodopera per la cesellatura non ci è assolutamente possibile diminuire ulteriormente il ns. prezzo.

Fiduciosi della Vs. comprensione e in attesa di leggerVi in merito porgiamo i ns. più distinti saluti.

Mariani & Belfiore

Nota n (7)

| NOTA DETTAGLIATA | |
|---|---|
| Modello | L. 4000 |
| Formatura-Cera-Ritocco | 2500 |
| Fusione Cottura-Mater: | 2000 |
| Cesellatura 10 Ore | 10.00 |
| Doratura & Patinatura | 2500 |
| Spese Postali | 800 |
| Spese Generali & Guadagno Ditta | 3200 |
| | 25000 |

L.300.000

Korrispondenza (Nru 7) bejn il-Funderija Mariani & Belfiore u Paolo Pace fit-18 ta' Lulju 1967.

Michelucci, u Mariani & Belfiore. Wara, lura f'Għawdex u bir-riżultati li jkollhom f'idejhom, kellhom fil-kwiet jagħżlu l-funderija u wkoll il-kundizzjonijiet li kellhom jimponu fuq il-funderija. L-istess xogħol ried isir rigward il-persuna jew ditta li kellha tagħmel l-induratura meħtieġa fuq it-tribuna. Pace enfasizza li biex ix-xogħol isir sewwa, dan kellu jimxi pass pass, anki jekk jieħu iktar fit-tul. B'kollox ix-xogħol tal-immudellar biss kellu jieħu madwar sena.

Ngħaddu issa għall-ittra mibgħuta minn Ruma bid-data tal-11 ta' Frar 1965, li tiżvela li kien diġà sar xogħol biex tingħażel il-funderija. Tant hu hekk li Pace kiteb li kien irċieva xi stimi. Madankollu hu kompla jgħid li minħabba l-importanza tal-kummissjoni kellhom joqogħdu bosta attenti, waqt li jieħdu kull prekawzjoni u assigurazzjoni, biex bl-informazzjoni kollha li jkollhom f'idejhom jaslu biex jieħdu deċiżjoni waħda u tajba. Hu kien qed jaħseb li fix-xahar ta' Marzu kienu jkunu f'qagħda li, wara li jiffirmaw il-kuntratt bil-garanziji kollha mal-funderija magħżula, jibda x-xogħol ta' fużjoni fil-bronż.

Mal-istess ittra Pace hemeż żewġ stimi mibgħuta: waħda mill-Funderija Cav. Renzo Michelucci, Fonderia d'Arte ta' Pistoia, u l-oħra mill-Funderija Mariani & Belfiore, Fonderia Artistica del Bronzo ta' Pietrasanta (Lucca). Dawn kienu għall-erba' kolonni bil-kapitelli tagħhom u bid-dekorazzjoni fuqhom, imma mingħajr l-induratura.

F'April 1965 intgħażlet l-istima tal-Funderija Mariani & Belfiore. Minn hawnhekk ix-xogħol ta' fundatura fil-bronż issa kien beda. Sadanittant l-iskultur Pisi kien qed jaħdem għal iktar minn għaxar sigħat kuljum ("lavoro da impazzire") biex ilesti x-xogħol – mill-mudell fit-tafal sa dak fil-ġibs u wara fix-xama' – fuq il-parti ta' fuq tat-tribuna, jiġifieri tas-saqaf kollu sas-salib.




Impressjoni artistika tad-disinn tat-tribuna.



Paolo Pace josserva x-xogħol fil-funderija f'Pietrasanta.

IL-BELT VICTORIA


Xogħol magħmul f'San Ġorġ Basilica (fit-Tribuna)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Guisepp Gauci | ġr. 5-6-5-6-2 = 24 @ £1.2s. | = | £26.8.0 |
| Paolo Saliba | " 5-6-5-6-2 = 24 @ 13s. | = | 15.12.0 |
| Ċikku Pace | " 5-6-5-6-2 = 24 @ 7s. | = | 8.8.0 |
| Ġir 5½ tunnelliet @ £1 | | = | 5.10.0 |
| | | | £55.18.0 |

Xogħol magħmul fil-bieb ommu ecc.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Guisepp Gauci | ġr. 4½ @ £1.2 | = | £4.19.0 |
| Ġus. Fenech | " ½ @ £1 | = | .10.0 |
| Toni Gauci | " 2 @ £1 | = | 2.0.0 |
| Paolo Saliba | " 2 @ 14s. | = | 1.8.0 |
| Toni Cassar | " 3½ @ 13s. | = | 2.5.6 |
| Ċikku Pace | " ½ @ 7s. | = | .3.6 |
| 4 xkejjer siment | @ 10d. | = | .3.4 |
| 1 tomna ġir | @ 1s.6d. | = | .1.6 |
| | | | £11.10.10 |

£55.18.0
11.10.10
£67.8.10

Guisepp Gauci
Soddisfatt
30/10/61

Irċevuta ta' Ġużeppi Gauci għal xogħol fuq l-armar u l-bażi tat-tribuna, Ottubru 1961.

Fix-xhur ta' wara x-xogħol baqa' miexi sewwa. Tant kien miexi 'l quddiem il-proċess li ġa kienu qegħdin isemmu lil min għandu jkun mistieden għall-inawgurazzjoni tat-tribuna. F'Novembru tal-istess sena


Waħda mill-'essijiet' tal-parti ta' fuq tat-tribuna fil-funderija.

Dun Anton kien irċieva disinn ta' kif kellha tiġi t-tribuna magħmul minn Pisi. Il-kolonni issa kienu fonduti u kull kolonna bdiet tkun irmontata. Fil-ġranet tal-24 u l-25 tal-istess xahar Pace żar il-funderija biex jara b'għajnejh ix-xogħol fuq il-kolonni. Huwa baqa' entużjażmat b'dak li ra. Hu rrapporta li l-fużjonijiet kollha rnexxew, u kull biċċa kienet "freschissima, pulitissima, senza pori o sbavature". Qal ukoll li kien ħa l-okkażjoni biex jiddiskuti fit-tul mal-imgħallmin fil-funderija kif kienu sejrin jaħdmu biex jiffondaw fil-bronż il-parti ta' fuq, inkluż is-soffitt kollu.

F'dan iż-żmien kienu qegħdin jaħsbu fuq kif kellhom jinforzaw l-istruttura kollha, speċjalment il-kolonni li kellhom jerfgħu l-piż enormi tal-parti ta' fuq kollha. Milli jidher mill-ittri, għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li jsiru kolonni tal-konkos fuq ġewwa tal-istess kolonni tal-


L-armar fuq it-tribuna hi u tiġi mmuntata fil-Bażilika. [Ritratt: Frank Mizzi]



L-Isqof ta' Għawdex Mons. Giuseppe Pace jbierek it-tribuna l-ġdida, 11 ta' Lulju 1967. [Ritratt: Frank Mizzi]

bronż. Min-naħa l-oħra l-funderija tant kienet sodisfatta u fidiċjuża fix-xogħol tagħha li ma riditx li dan isir, imma biss kien hemm bżonn ta' kanni bi ħxuna tal-erba' pulzieri; kanni li setgħu jinxtraw minn Għawdex u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jinġiebu mill-Italja.

Il-Funderija Mariani & Belfiore lanqas kienet tal-fehma li s-saqaf u l-erba' mensli kbar ta' fuqu jsiru fuq anima (sodda) tal-injam bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż, kif fil-fatt sar fit-tribuna ta' San Pietru. Mhux talli hekk, imma ssuġġerew li s-saqaf kollu, inkluż l-entablatura kollha, tkun irmontata biċċa sħiħa fil-funderija u wara miġjuba Għawdex f'kaxxa bil-qies ta' erba' metri kwadri. Mal-ittra Pace kien bagħat ukoll disinn simplifikat tat-tribuna biex Dun Anton jużah biex iġib il-permess meħtieġ mingħand l-awtoritajiet biex tkun impurtata l-opra kollha. Hu kien ukoll talab lil Dun Anton biex imur l-Italja ħa jkun jista' jara b'għajnejh ix-xogħol li kien qiegħed isir.

Fis-16 ta' Frar 1966 il-Funderija Mariani & Belfiore kienet bagħtet kwotazzjoni separata għall-erba' anġli kbar (tul ta' 140ċm-il wieħed), tmien anġli (ta' 90ċm għoli kull wieħed), u l-erba' voluti jew skrolli bil-qies ta' 2m b'180ċm u kull waħda tiżen 400kg. Il-kumpanija kienet daħħlet klawżola li l-istima kienet valida biss għal żmien qasir minħabba li l-prezz fis-suq tal-bronż kien dejjem qed jogħla. Din il-kwotazzjoni, li kienet tammonta għal 'il fuq minn ħdax-il miljun lira Taljana, kienet ħasdet lill-kummissjonanti. Dan għaliex din l-istima ma kinitx tinkludi l-mudelli la fit-tafal u lanqas fix-xama', u anqas l-imballaġġ tax-xogħol u t-trasport. Għalhekk il-kummissjonanti riedu jżidu l-prezz tat-trasport mill-Italja sa Għawdex, barra d-dazju li kellhom iħallsu. Dan barra l-prezz li kien dovut lill-iskultur Carlo Pisi.

Wara diversi negozjati, il-prezz kumplessiv kien tnaqqas bi ftit, biex imbagħad bl-ittra tiegħu tal-21 ta' Mejju 1966 Pace informa lil Dun Anton li x-xogħol fuq it-tribuna kien taħt "forcing di lavoro". Il-parti ta' fuq kollha issa bdiet tkun fonduta, waqt li l-arkitrav, il-gwarniċ u l-erba' imposti (dosseret) li jogħlew 'il fuq mill-kapitelli kienu lesti.

Aħbar tajba waslet għand l-Arċipriet Mikiel Cefai fil-bidu ta' Ġunju fejn kien mgħarraf permezz ta' ittra li l-Gvern kien aċċetta t-talba tiegħu u kien se jeżenta t-tribuna mid-dazju dovut.

Għalkemm Paolo Pace kien jidher dejjem ottimist fl-ittri tiegħu dwar il-progress tax-xogħol, min-naħa l-oħra kemm Dun Anton u kemm l-Arċipriet Cefai, flimkien ma' diversi nies oħra, ma kinux kuntenti għax dehrilhom li Pace ma kienx qed jagħti l-attenzjoni kollha tiegħu fuq ix-xogħol tat-tribuna, bir-riżultat li dan kien qed jaqa' lura. Fil-fatt, meta l-istess Pace kien żar il-gżira Għawdxija f'Lulju għall-Festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena, diversi kienu dawk li qalulu ċar u tond li minħabba kummissjonijiet oħra, l-iktar dik tat-tribuna tal-Bażilika Ta' Pinu, hu kien qed jittraskura l-kummissjoni tat-tribuna ta' San Ġorġ, għax skont huma t-tribuna kien messha ilha lesta u tqiegħdet f'postha.

B'riżultat ta' dan, fix-xahar ta' Awwissu l-Arċipriet Cefai, akkumpanjat minn Giuseppe Gauci, kienu żaru l-funderija biex b'għajnejhom jaraw ix-xogħol li twettaq sa dakinhar. Mad-diriġenti tal-funderija l-Arċipriet kien ftiehem li hu kien se jerġa' jżur il-post fix-xahar ta' Novembru tal-istess sena biex imbagħad jara t-tribuna kompluta minn kollox.

Minn hawn 'il quddiem ix-xogħol ħa spinta ikbar. Fix-xahar ta' Settembru tlestew it-tnax-il mensla u beda

IL-BELT VICTORIA



Mons. Nikol G. Cauchi, l-Amministratur Appostoliku l-ġdid ta' Għawdex, fiċ-ċerimonja tat-tberik tat-tribuna, 11 ta' Lulju 1967. [Ritratt: Frank Mizzi]

l-lavur fuq il-kapitelli. L-ikbar attenzjoni issa kienet fuq kif kellu jsir ix-xogħol ta' induratura; dan barra li jingħażel ukoll l-indurattur. Wara li saret konsultazzjoni ma' esperti fix-xogħol, kien deċiż li l-wiċċ kellu jingħata passata sprej ta' 'verniċ' apposta qabel jibda jkun applikat il-mordent. Dan, meta jagħqad, jkollu konsistenza ta' stratt irqiq bħal ħġieġ. Id-deheb għall-induratura nxtara mid-Ditta Manetti Giusto ta' Firenze, fejn kull librett kellu 25 folja ta' 23.04 karat ta' "oro Fiorentino garantito". L-indurattur li ngħażel kien Gino Ricci minn Firenze. Fuq ix-xogħol ta' induratura kien ukoll intalab il-parir tad-disinjatur Giuseppe Galea.

Dun Anton żar il-funderija f'Ottubru 1966 u fix-xahar ta' wara mar ukoll Carlo Pisi. Pisi kien għadu kif irkupra minn marda serja ħafna, bil-biża' li seta' jmut u x-xogħol mibdi minnu jibqa' mhux komplut. Iż-żewġ viżitaturi kienu kuntenti b'dak li raw, l-iktar Carlo Pisi li b'għajnejn ta' artista seta' japprezza aktar ix-xogħol. F'dan iż-żmien Pisi kien lesta l-mudell tas-soffitt u beda jimmudella l-erba' anġli kbar, anki jekk kien għadu ma jħossux f'siktu għalkollox. Imma kif stqarr l-istess skultur, din l-opra kienet għal qalbu bil-bosta u ried jaraha mitmuma. Tant hu hekk li kien ħadha b'offiża meta kienu ssuġġerewlu biex iqabbdu lil xi ħadd biex jgħinu.

Mal-bidu tal-1967 beda l-imballaġġ ta' diversi biċċiet tat-tribuna li kienu lesti minn kollox. Biex ma tiġrilhom l-ebda ħsara, qabel ma tpoġġew fil-kaxxi, il-biċċiet kienu l-ewwel imgeżwra fit-tissue paper u mbagħad f'karta apposta li kellha saff bil-qatran f'nofsha. Kien ippjanat li b'kollox it-tribuna kellha tkun ippakkjata f'22 jew 24 kaxxa. Sadattant Pisi issa kien beda l-aħħar anġlu mill-erbgħa. Ta' min jgħid li malli Pisi kien ilesti mudell, dan kien ikun ittrasportat mill-ewwel minn Ruma għall-funderija f'Pietrasanta, Lucca, vjaġġ ta' 383 kilometru. L-induratura tas-soffitt saret bil-banjatura tad-deheb. Ix-xogħol kollu tal-induratura ġie jixxiebah mingħajr differenza ta' xejn, billi l-induratura kollha ngħatat l-istess stratt ta' protezzjoni, liema stratt anki jgħin biex jenfasizza x-xogħol minqum li għandha t-tribuna.

Fil-funderija kien sar studju bir-reqqa ta' kif kellha tkun irmuntata t-tribuna. Min-naħa tagħhom Mariani & Belfiore fasslu u lestew bi preċiżjoni l-muntaġġi kollha biex jingħaqad kollox f'postu. F'Għawdex bdew ukoll jippreparaw u jlestu l-armar li kellu jintuża biex tintrama f'postha t-tribuna. Fost armar ieħor inġabru travi, kemm tal-ħadid u kemm tal-injam, biex jintrama torri li jkun jista' jiġi spustat skont il-ħtieġa. Inġabru buzzelli u ħbula li permezz tagħhom setgħu jittellgħu d-diversi sezzjonijiet tal-bronż. F'dan ix-xogħol kien imdaħħal sew Francesco Schembri li kien intiż sewwa, kif ukoll f'xogħol ta' weldjar tal-arbli tal-azzar u pernijiet li tqiegħdu ġewwa l-erba' kolonni. Min-naħa tiegħu Ġorġ Gauci lesta l-bażijiet li fuqhom kellhom jitpoġġew l-erba' anġli kbar u l-anġli ż-żgħar bejniethom.

Mill-ittra ta' Pace ta' Marzu 1967 insiru nafu li l-kaxxi bit-tribuna fihom kellhom jitilqu mill-port ta' Livorno fil-15 ta' April u jaslu Malta ħamest ijiem wara. Ix-xogħol ta' tqegħid tat-tribuna kien previst li jibda ftit jiem wara u jitlesta fi ħmistax-il ġurnata. Dan biex it-tribuna tkun lesta għall-festa ta' Corpus Christi ta' dik is-sena.

Minħabba xi ntoppi tal-aħħar, fil-21 ta' April it-tribuna telqet minn Livorno. Magħha telqet ukoll it-tribuna tal-Bażilika Ta' Pinu. It-tribuna ta' San Ġorġ tqiegħdet f'24 kaxxa, b'piż ta' madwar 20 tunnellata. Wara li waqaf għal tlitt ijiem Napli, il-vapur daħal fil-Port il-Kbir nhar

## IT-TRIBUNA TAL-BAZILIKA TA' SAN GORG

Ferm kien ili nisma' ħbarek,
Ilħom jgħidu sena sħiħa
Kemm int ġejja maestuża
U lussuża u sabieħa!

Imma qatt ma bsart dan kollu
Li se tkun ġawhra ġod-dinja,
U ġo Malta u Għawdex tagħna
Tkun tissejjaħ meravilja!

Tħares lejk u qatt ma tixba'
Għax issaħħar il-għajnejn
U l-foħrija li smajt fuqek
Qatt ma nstemgħet ġol-widnejn.

San Ġorġ tagħna x'qed tgħid f'qalbek?
Li nħobbuk bil-kbir u l-goff,
Għamilnielek knisja tgħaġġeb
U t-tribuna għaqqdet coff.

Magħqudin in-nies qalb waħda
Kulħadd jagħti daqqa t'id,
Dan m'hu xejn li wrejniek s'issa,
Dejjem stenna ġej il-ġdid!

San Ġorġ tagħna, l-għaxqa tagħna,
Int il-mimmi ta' għajnejna
U nħossuna mkabbrin ħafna,
Li ġejt merħi ġewwa jdejna!

11 - 7 - 67 MARY MEYLAQ

Orphans' Press Għajnsielem, Gozo

Poeżija ta' Mary Meylak fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tat-tribuna.

it-3 ta' Mejju waranofsinhar. Billi kien fadal xi xogħol ta' induratura, l-għaxar kapitelli intbagħtu għalihom bl-ajru fit-8 ta' Ġunju 1967. Parti mill-kaxxi waslu Għawdex nhar is-Sibt 13 ta' Mejju, u fit-3.30pm tal-istess ġurnata tħattew fi Pjazza San Ġorġ. L-ewwel kaxxi nfetħu l-għada l-Ħadd fis-1.00pm. Il-kumplament tal-kaxxi nġiebu Għawdex jumejn wara. Wara li tneħħew mill-kaxxi, il-partijiet kollha tat-tribuna ddaħħlu fil-Bażilika u tpoġġew fil-parti l-kbira tagħhom fil-Kappella ta' San Pawl.

Ix-xogħol ta' tqegħid beda nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju, billi l-ewwel tpoġġew erba' travi tal-ħadid fuq il-gwarniċun fin-naħa tal-altar maġġur. Imbagħad it-Tnejn 5 ta' Ġunju tqiegħdet l-ewwel biċċa tal-bronż. Din kienet il-parti tal-kolonna tan-naħa tal-Vanġelu li tħares lejn il-Kor. Fil-frattemp, il-quddies kien isir fuq altari oħra fil-knisja minħabba x-xogħol li kien qed isir fuq l-altar maġġur. Fl-1 ta' Lulju t-tribuna kienet kollha f'postha u għalhekk beda jiżżarma l-armar.

Biex it-tribuna tkellgħet u ntramat f'postha, minbarra l-għajnuna ta' diversi parruċċani u l-ħaddiema ta' Giuseppe Gauci (taċ-Ċieq), għandhom jissemmew: l-istess Giuseppe Gauci, Francesco Schembri (tas-Sagristan), Giorgio Gauci (ta' Frallillu), Giorgio Farrugia (tal-Piżatur), Giorgio Farrugia (ta' Kakin), Antonio Saliba (ta' Komu), Giuseppe Sagona (Romana), u Paolo Pace. Ma' dawn ma jistgħux jibqgħu barra l-Arċipriet Mikiel Cefai u l-Prokuratur Dun Anton Grech Vella li bejniethom kienu l-perċimes, il-mutur u l-punt ta' riferiment biex din l-opra maestuża tinħema u titwettaq biex issebbaħ il-Bażilika Ġorġjana.

Nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju, fil-ġimgħa tal-Festa ta' San Ġorġ, it-tribuna tbierket mill-Isqof Mons. Giuseppe Pace li kien akkumpanjat mill-Amministratur Appostoliku l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, flimkien ma' bosta saċerdoti oħra, membri tal-Kapitlu u l-presbiterju tal-Bażilika. It-tribuna ġibdet l-ammirazzjoni ta' dawk kollha li rawha u kienet issemmiet f'diversi gazzetti lokali. Illum it-tribuna għadha ssaħħar lil kull viżitatur li jidħol fil-knisja u hija waħda mill-kapolavuri li għandha fiha l-Bażilika ta' San Ġorġ.

**Bibljografija**

Arkivju Bażilika San Ġorġ, *Korrispondenza*.
Arkivju Privat John Cremona.
Vella Apap Nikol, *Kronaka ta' l-Ewwel Knisja Parrokjali f'Għawdex il-Bażilika San Ġorġ MegaloMartri tal-Belt Vittoria (1965-1968)*.



It-tribuna llum. [Ritratt: Joe Attard]

# Fortunato Mizzi (1844-1905)
## Patrijott Għawdxi distint

Dun Geoffrey G. Attard



Fortunato Mizzi.

Wieħed mill-patrijotti Għawdxin, jew aħjar Malti ta' nisel Għawdxi, l-aktar magħrufa fi tmiem is-seklu għoxrin kien mingħajr dubju ta' xejn Fortunato Mizzi, li ismu jibqa' magħruf fl-istorja ta' ġensna bħala l-*Pater Patriæ* – il-Missier tal-Patrija.[1] Minħabba n-nisel Għawdxi tiegħu jixraq li niflu ftit il-ħajja tiegħu.

Fortunato Mizzi, iben il-Maġistrat Francesco Mizzi, twieled nhar il-5 ta' Lulju 1844 u tgħammed fil-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Portu Salvu u San Duminku fil-Belt Valletta, fejn missieru kien mar joqgħod għal xi żmien.[2] Huwa ggradwa LL.D. mill-Università ta' Malta fl-1865. Kien President ta' diversi għaqdiet soċjali u volontarji kif ukoll tal-Kamra tal-Avukati. Mizzi jibqa' magħruf l-aktar għas-sehem tiegħu fil-politika. Hu kien ispirat mill-bżonn ta' Kostituzzjoni liberali għal Malta u mid-difiża tar-Reliġjon Kattolika Rumana; kien favur it-tisħiħ tal-kultura Latina u Ewropea ta' ġensna.[3] Fortunato Mizzi serva għal xi snin bħala President tas-Soċjetà Filarmonika La Vallette.[4] Kellu anki ħuh, l-Avukat Luigi, li serva għal xi żmien bħala President tas-Soċjetà Filarmonika La Vallette tal-Belt Valletta u warajh kien inħatar Sir Ugo P. Mifsud.[5]

**Imħabba patrijottika**

Fl-1880 Fortunato Mizzi waqqaf il-Partit Anti-Riformista li malajr sar magħruf bħala l-Partito Nazionale. Il-kandidati tal-Partito Nazionale ta' Mizzi waqqfu rekord tar-rebħ tas-siġġijiet kollha ta' Malta u Għawdex.[6] Dan għamlu l-aktar sabiex jopponi l-Kummissjoni Rjali ta' Sir Penrose Julyan u Patrick Keenan, li kienu ġew Malta jistudjaw is-sitwazzjoni ċivili u s-sistema edukattiva rispettivament. Is-sudditi u l-membri tal-partit ta' Mizzi saħqu li l-għan tal-Kummissarji kien primarjament li jissalvagwardjaw l-interessi tal-Gvern Brittaniku.

Minħabba li saħħtu bdiet sejra lura, Mizzi rtira mill-politika, imma aktar tard kellu jaċċetta li joħroġ f'isem l-Għawdxin bħala l-kandidat tagħhom għall-elezzjonijiet tal-1898 favur il-Kunsill tal-Gvern; dan għamlu wara li ċittadini Għawdxin ħolqu pressjoni fuqu. Hu kkontesta b'suċċess l-elezzjonijiet miżmuma bejn l-1880 u l-1904. Fis-snin tmenin tas-seklu dsatax hu kien elett fil-Kunsill tal-Gvern flimkien ma' Dun Destefani, Pawlu Sammut, il-Konti Gerald Strickland u Camillo Sceberras.[7]

Fl-1885 hu pproklama t-8 ta' Settembru bħala l-'Jum Nazzjonali' ta' Malta b'rabta mal-ġrajja rebbieħa tal-Assedju l-Kbir tas-sena 1565.[8]

Fl-1899 Salvatore Cachia Zammit akkumpanja lil Mizzi lejn Londra sabiex jissottomettu petizzjoni favur ir-riforma kostituzzjonali lill-Gvern Ingliż. Fl-1905 huwa kien elett President tal-Associazione Politica Maltese. Kien ukoll magħruf bħala ġurnalista u kellu pinna qawwija u penetranti. Fl-1883 waqqaf il-gazzetta ta' kuljum bit-Taljan, il-*Malta*.

Fortunato Mizzi rrappreżenta lil Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern mingħajr qtugħ sas-sena 1903.[9] F'April 1903, ir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra żar Malta. Fortunato Mizzi u sħabu l-oħra eletti fil-Kunsill tal-Gvern ħadu l-opportunità biex għaddew memorandum lir-Re dwar il-qagħda politika



Anno Quarto — Malta, Sabato 11 Giugno 1887 — Num. 1075

PREZZO DELLE ASSOCIAZIONI.

| | Anno | Sem. | Trim. |
|---|---|---|---|
| Per Malta... Scell. | 20 — | 10 — | 5 — |
| Per tutta Europa, Alessandria d'Egitto, Tunisia e la Reggenza di Tripoli | 26 — | 13 — | 6 6 |
| Per gli altri Paesi dell'Unione Postale | 28 — | 14 — | 7 — |

INSERZIONI A PAGAMENTO:
In prima e seconda pagina a 4d. per linea—terza pagina 3d.—ed in quarta 2d.
Pagamenti anticipati.
Un numero separato 6d.—Arretrato 8d.

# MALTA
## Corriere Mercantile Maltese

LE ASSOCIAZIONI SI RICEVONO:
In Malta, alla Tipografia del Giornale, Strada Teatro No. 84.
Fuori di Malta, mediante l'invio di vaglia postale con lettera affrancata e raccomandata.
Le lettere si devono dirigere nel modo seguente "Alla direzione della Gazzetta quotidiana *Malta*, Strada Teatro No. 84, Valletta, Malta."

La Redazione non conserva, nè restituisce manoscritti, nemmeno quando se ne rifiuta la pubblicazione.

Nei giorni festivi non si pubblica la Gazzetta

AVVISI

BECK & Co's.
Pilsener Beer

Mc. EWAN'S
Edinburgh Pale Ale

WATKINS & Co's
Crown Stout
Apply to
C. BUTLER & Co.
77, Strada Sant' Ursola
*Sole Agents.*

The Gentleman's Magazine of Fashion.
P. P. GRECH
12, Strada Reale, Valletta
Grande assortimento
Drapperie inglesi e francesi della stagione
Taglio inappuntabile.
Speditezza nell' esecuzione.
Prezzi modicissimi.

Distillerie Algerienne
ROUILLIER, CHRISTINAZ & BOBILLER
MUSTAPHA—ALGER.

Vermouth al Quinquina
& Amaro Algerino
(14 Medaglie ed un gran diploma d'onore)
Dimandate in tutti i Caffè il Vermouth al Quinquina, anti-febbrile, oppure l'amaro Algerino della casa suddetta.
Agenti depositari
DEMARCO & SAMUT
9, Marina, Valletta.

La Compagnia
di
Riassicurazioni di Mannheim
a Mannheim
Capitale Fr. 7,500,000

Per la Sicurtà tanto di *Merci* sopra Vapori e Velieri, quanto di *Corpi* ed *Attrezzi* di *Navigli*, *Noli* ecc., nonchè per la Sicurtà d'invii *d'oggetti di Valore* a mezzo d'amministrazioni postali, for-

... Città e che il nome ne venga cambiato in quello di "VITTORIA."

Sua Eccellenza pertanto dichiara colla presente il Rabato in Gozo Città ed ordina che in tutti gli atti pubblici sia chiamata col nome di "VITTORIA."

Per comando,
WALTER HELY-HUTCHINSON,
*Luogotenente Governatore*
*e Principale Segretario di Governo.*

Il-frontispizju tal-ġurnal *Malta* fl-1887.

tal-pajjiż, u xahrejn biss wara l-Ingilterra wieġbet billi tat lil Malta Kostituzzjoni oħra magħrufa bħala *The Chamberlain Constitution*.[10]

Waħda mit-torcq qrib il-Kolossew f'Ruma hija msemmija għalih.



Viale Fortunato Mizzi f'Ruma.

## Il-kontroversja lingwistika

F'dawk iż-żminijiet il-Maltin kienu jemmnu fil-parti l-kbira tagħhom li t-Taljan għandu jibqa' l-ilsien uffiċjali ta' Malta; kien għadu ma nibitx il-moviment favur l-ilsien Malti fil-qawwa kollha tiegħu. Għalhekk Fortunato Mizzi, huwa u jippromovi lill-ilsien Taljan, semma kif in-nies tal-Belġju (*Flemish*), għalkemm riedu jżommu l-awtonomija minn Franza, xorta waħda tħabtu biex iżommu l-Franċiż bħala l-ilsien tal-kultura bejn l-1815 u l-1830 u ċaħdu l-ilsien Olandiż li kien qed jiġi impost fuqhom, minkejja li dan kien eqreb lejn id-djalett tagħhom.[11]

Wieħed irid jifhem ukoll li meta Mizzi laqqam il-Malti bħala 's-saħta tal-pajjiż' hu kien ispirat mill-ġrajja biblika tat-torri ta' Babel li kienet tqis il-multilingwiżmu bħala kastig, fi żmien meta l-Bibbja kienet għadha tinqara u tiġi interpretata *ad litteram* f'xi ċrieki kulturali.[12]

X'aktarx li bil-mod il-mod Mizzi beda jibdel din il-fehma tiegħu, għaliex nhar il-5 ta' Mejju 1905, waqt *meeting* li għamel fil-Furjana qrib ħafna ta' Bieb il-Bombi, hu indirizza lill-folla bil-Malti u kiseb l-appoġġ tal-poplu.[13] M'hemmx dubju li f'Għawdex, minkejja li ħafna kienu dawk favur it-Taljan, il-popolin kien jitkellem bil-Malti u jgħożżu wkoll bħala l-ilsien tal-komunikazzjoni. Kien f'Jannar 1905, l-aħħar sena ta' ħajtu, li mitt ruħ iffurmaw l-Associazione Politica Maltese b'Mizzi bħala President.[14] L-Assoċjazzjoni ġiet iffurmata fi ħdan il-kwartieri tal-*Giovine Malta* fi Strada Santa Lucia, Valletta.[15]

## Familja

Fortunato Mizzi kien miżżewweġ lil Sofia Fogliero de Luna, Taljana ta' Marsilja.[16] Martu kienet imwielda Marsilja fi Franza, imma kienet ġejja minn familja mxerrda fi Spanja, Franza u l-Italja.[17] Minn dan iż-żwieġ kellhom lil Nerik, jew Enrico, li twieled fl-20 ta Settembru 1885 fil-Belt Valletta, imma rċieva l-edukazzjoni tiegħu f'Għawdex.

## Rabtietu ma' Għawdex, ir-Rabat u San Ġorġ

Fortunato Mizzi rabat ukoll ismu mas-Soċjetà Filarmonika La Stella tal-Belt Victoria. Nafu li bejn is-snin 1881-1885 il-Perit Pietru Attard kien President ta' din is-Soċjetà, u bejn is-snin 1886-1889 il-Perit Attard warrab minn President biex f'postu ġie maħtur Dr Fortunato Mizzi.[18]



Enrico, bin Fortunato.

Fil-ktieb voluminuż tiegħu dwar l-istorja tal-Kristjaneżmu f'Għawdex u l-parroċċa tiegħu fir-Rabat, Pawlu Mizzi jirreferi wkoll għar-rabta ta' Fortunato Mizzi mar-Rabat u mal-Banda La Stella. Hu jgħid bla tlaqliq li "sa tarf is-seklu dsatax il-Każin tal-Banda La Stella Vincitrice kien sar il-fulkru ta' dawk li kienu jemmnu fil-kultura Latina ta' pajjiżna".[19] L-awtur iżid jgħid ukoll li iben Fortunato, Nerik, aktar tard "waqqaf il-partit tiegħu, *Il Partito Democratico Nazionalista*, minn fost in-nies tal-Istilla u ta' San Ġorġ".[20] Niftakar xi anzjani mir-Rabat jgħidu li Fortunato Mizzi kien joqgħod bir-residenza tal-familja tiegħu fil-Fontana u li kien hemmhekk ukoll li twieldet il-Banda La Stella; madankollu dwar l-ewwel asserzjoni ma sibt xejn bil-miktub.

Barra minn hekk, il-familja ta' Mizzi kellha dar iż-Żebbuġ, Għawdex li aktarx kienu jmorru joqogħdu fiha matul ix-xhur tas-sajf. Huma kellhom f'darhom il-korp sant ta' San Fortunato Martri li kien inġieb mill-katakombi ta' Sant'Anjeże f'Ruma. Qrib is-sena 1922 il-familja Mizzi tat dan il-korp sant lill-knisja parrokkjali tar-raħal u saret translazzjoni bih mill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għall-Parroċċa taż-Żebbuġ.[21]



Il-korp-sant ta' San Fortunatu Martri fl-1922, meta mill-Parroċċa ta' San Ġorġ ittieħed iż-Żebbuġ.

## Inkwiet mal-Knisja

Minkejja s-simpatija sħiħa tiegħu mal-Knisja Kattolika u l-fidi ta' Ruma, Fortunato Mizzi wkoll kellu l-inkwiet mal-Knisja. Fl-1890 ħelisha ħafif milli jiġi skumnikat mill-Knisja u kellu jaċċetta li jiġi mlaqqam *"inimicus homo"* mill-Vatikan flimkien ma' kundanna li setgħet titgħolla għall-grad ta' skomunika għall-gazzetta tiegħu, il-*Malta*, li mbagħad kellu kemm kemm jibdlilha isimha biex iqajjimha fuq riġlejha mill-ġdid.[22] Fil-fatt aktar tard bdiet toħroġ bl-isem ta' *Malta Letteraria* u kienet tinbiegħ erba' xelini f'pajjiżna u ħamsa barra minn xtutna.[23]

**Mafkar f'ġieħu**

Ir-rabta ta' Fortunato Mizzi u l-familja tiegħu mal-Italja u l-kultura Taljana hija fatt tal-istorja li llum ħadd ma jista' jiċħad. Biżżejjed ngħidu li minbarra t-triq għalih imsemmija fil-qalba ta' Ruma antika mhux bogħod wisq mill-Fori Imperiali, nhar is-7 ta' Ġunju 1940 inkixef bust ta' Fortunato Mizzi fil-ġonna tal-Pincio f'Ruma.[24] F'dik l-okkażjoni Dr Carlo Mallia, li kien qed jgħix fl-Italja, xandar fuq radju Taljan programm li fih faħħar ħafna lil Fortunato Mizzi bħala l-missier tal-moviment nazzjonalista f'Malta; minħabba f'hekk, xi antagonisti ta' Mizzi f'Malta, malli semgħuh, qabdu u kissru l-mafkar ta' Fortunato Mizzi li kien hemm fi Strada Żekka fil-Belt Valletta.[25] Dan il-fatt kien irrappurtat fit-*Times of Malta*.

Fir-Rabat ta' Għawdex, it-triq li tibda fi tmiem il-parti ta' isfel ta' Triq ir-Repubblika, minn quddiem il-Villa Rundle u dak li kien il-Kumpless Ninu Cremona lejn id-direzzjoni tal-lvant, kienet imsemmija għal Fortunato Mizzi, filwaqt li parti minn Triq Sannat li tmiss ma' Pjazza San Franġisk issemmiet għal ibnu Enrico.




Corso Fortunato Mizzi, illum Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria, f'ritratt meħud minn Richard Ellis lejn il-bidu tas-seklu għoxrin.



Id-dar tal-Familja Mizzi fiż-Żebbuġ

**Noti**

1 Henry Frendo, *Europe and Empire. Culture, politics and identity in Malta and the Mediterranean 1912-1946*, Malta 2012, 53.

2 Joseph Bezzina, *Ġrajjiet is-Sorijiet Dumnikani 1889-1989*, Malta 1991, 248. Skont l-awtur, Fortunato Mizzi twieled nhar il-15 ta' Lulju 1844.

3 *Dictionary of Maltese Biographies*, II, editjat minn Michael J. Schiavone, Malta 2009, 1193.

4 Ara nota nru 4 f'Paul Borg Olivier, 'Religio et Patria. Patrijottiżmu u Fidi skolpiti f'uħud mill-monumenti pubbliċi', f'Michael J. Schiavone–Leonard Callus, *Inservi: Ħidma Politika 1969-2009. Ġabra ta' kitbiet f'ġieħ Eddie Fenech Adami*, Malta 2009, 421.

5 Joe Calleja, *Ugo P. Mifsud (1889-1942) Prim Ministru u Patrijott*, Malta 1997, 30.

6 Bezzina, 'Għawdex tul is-Seklu Dsatax – is-seklu tat-twelid tal-partiti', f'Raymond C. Xerri–Pierre J. Mejlak, *Il-Partit Nazzjonalista. Il-Partit ta' Għawdex*, Malta 2000, 27.

7 Robert Farrugia Randon, *Camillo Sceberras. His life and times*, Malta 1991, 57.

8 *Europe and Empire*, 461.

9 'Għawdex tul is-Seklu Dsatax', f'*Il-Partit Nazzjonalista*, 27.

10 Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1949-1981*, Malta 1987, 13.

11 Joseph M. Brincat, *Maltese and other languages*, Malta 2011, 282.

12 Ibid., 319.

13 Ibid., 350.

14 *L-Elezzjonijiet f'Malta*, 17.

15 Albert Ganado, 'An introduction to the original minutes of the *Unione Politica Maltese*', f'*Inservi*, 344.

16 *Europe and Empire*, 421.

17 Xerri, 'Il-Partit Nazzjonalista mwieled minn familja Għawdxija', f'*Il-Partit Nazzjonalista. Il-Partit ta' Għawdex*, 29.

18 Http://www.lastella.com.mt/news_details.asp?NewsID=393 [aċċessat 21 ta' Lulju 2012].

19 Pawlu Mizzi, *Il-Parroċċa t'Għawdex. Studju soċjo-kulturali ta' epoka 1434-1689*, Għawdex 1997, 419ff.

20 Ibid., 421.

21 Ġużepp Vella, *Iż-Żebbuġ. Il-Parroċċa ta' Santa Marija*, Għawdex 1988, 95.

22 Frendo, *Europe And Empire*, 784.

23 Allister MacMillan, *Malta and Gibraltar Illustrated*, London 1915, 380.

24 *Europe and Empire*, 569.

25 Ibid.

# Muniti tat-tielet seklu misjuba ħdejn San Ġorġ fl-1937

Dr George Azzopardi



Waħda (quddiem u wara) mis-sebgħa u għoxrin munita Antonjanina li jinsabu għall-wiri b'mod permanenti fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella. [Ritratt: Max Xuereb]

Xogħlijiet ta' tkabbir fuq il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-1937 kienu wasslu għas-sejba aċċidentali ta' ħażna ta' 'l fuq minn elfejn *antoniniani* tat-tieni nofs tat-tielet seklu WK. Dawn il-muniti Rumani ġew misjubin ġo ġarra kbira mhux 'il bogħod minn ċisterna f'għamla ta' ċilindru u mibnija minn ċrieki tat-terrakotta (ara r-ritratt) fi Triq San Ġorġ, fuq in-naħa tal-punent tal-knisja, waqt it-tħaffir għall-pedamenti.

It-tieni nofs tat-tieni seklu WK ra l-bidu ta' kriżi ekonomika serja fl-Imperu Ruman li laħqet il-quċċata tagħha fit-tielet seklu WK. Bħala parti minn miżuri ta' awsterità, imperaturi sussegwenti kienu diġà ddevalwaw denominazzjonijiet ta' muniti oħrajn sakemm l-*antoninianus* innifsu ġie wkoll iddevalwat għal iktar minn darba. L-aħħar devalwazzjoni tiegħu saret bejn is-snin 268 u 270 WK, bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien ta' datazzjoni tal-*antoniniani* f'din il-ħażna.

Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika msemmija hawn fuq, sid din il-ħażna seta' rtira dawn il-muniti miċ-ċirkolazzjoni hekk kif ġew iddevalwati f'xi żmien bejn is-snin 268 u 270 WK u ddepożitahom f'post ta' sigurtà, forsi bl-intenzjoni li jiġborhom lura fi żminijiet ekonomikament iktar favorevoli.

*Ħajr lis-Sur George Azzopardi għar-ritratti ma' dan l-artiklu.*





# L-Arkivju tal-Parroċċa tagħna: Xi aġġornamenti

Toni Farrugia



Matul dawn l-aħħar sentejn saret riorganizzazzjoni mill-qiegħ tal-Arkivju tal-Parroċċa, li kont bdejt ix-xogħol fuqu fl-2007 fuq xewqa tal-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Farrugia.

Is-sala li kienet oriġinarjament intiża li sservi bħala librerija issa saret l-Arkivju. Is-sala hija maqsuma f'żewġ livelli – fil-livell ta' fuq hemm, fost l-oħrajn, kopji żejda tad-diversi pubblikazzjonijiet (bħar-rivista enċiklopedika *San Ġorġ* u r-rivista *Il-Belt Victoria*) li ħarġet il-Parroċċa matul is-snin. Din il-parti hija intiża għal min ikollu kopji neqsin ta' dawn ir-rivisti mill-kollezzjoni tiegħu jew jixtieq jibda tali kollezzjoni. Hemm ukoll għadd ta' kotba li kienu ngħataw lilna minn Dun Charles Cini SDB. Il-kotba huma l-aktar ta' natura reliġjuża, huma mqassmin skont il-kategorija u huma kkatalogati. Huwa l-ħsieb tagħna li l-*Librerija* tkun waħda speċjalizzata fil-Melitensia, b'mod partikolari b'kotba dwar San Ġorġ (ta' natura aġjografika jew parrokkjali), u mhux waħda ġenerali, l-ewwel nett għaliex fir-Rabat diġà hawn libreriji oħra, u t-tieni minħabba nuqqas ta' spazju.

Il-livell ta' isfel huwa l-*Arkivju* proprju, li ftit ftit qed ikun attrezzat kif suppost. Nieħu sodisfazzjon kbir meta jiġi xi ħadd (Għawdxi, Malti jew barrani) biex jagħmel xi riċerka u jkun impressjonat u kumplementuż fuq l-istat tal-arkivju.

Fl-Arkivju hemm dan li ġej:

- żewġ kopji ta' kull pubblikazzjoni (rivisti, posters, santi u oħrajn) li toħroġ il-Parroċċa;
- fotokopja tal-artikli dwar San Ġorġ li dehru fil-gazzetti jew rivisti matul is-snin (l-aktar waħda qadima hija mill-gazzetta *L'Ordine* tas-16 ta' Mejju 1862). Din il-kollezzjoni qed tkun aġġornata kontinwament bl-għajnuna siewja tas-Sur Joe Formosa u tas-Sur Francesco Pio Attard. Il-fotokopji mill-1960 'l hawn huma llegati f'volumi u b'indiċi tagħhom. Sabiex bdejt din il-kollezzjoni kelli għajnuna imprezzabbli mis-Sinjura Vicky Xuereb;
- ir-Reġistri kollha tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet u Mwiet sal-1900. Dawn ir-reġistri saritilhom legatura ġdida u għalhekk issa għandhom dehra ta' uniformità. Ir-reġistri kollha kienu diżinfettati mid-Ditta *Prevarti* fis-sena 2011, u l-ewwel volum tal-magħmudijiet u l-ewwel volum taż-żwiġijiet kienu rrestawrati mill-istess ditta. Hija x-xewqa tagħna li dawn ir-reġistri jkunu rrestawrati kollha (l-aktar l-ewwel volum tal-imwiet u s-sitt volum tal-magħmudijiet). Saret kopja diġitali tar-reġistri kollha u b'hekk qed ikun evitat li wieħed irid jikkonsulta l-volum proprju, li jwassal biex ir-reġistri ssirilhom aktar ħsara;
- ir-reġistri tal-infiq u dħul tal-Knisja, tal-legati, tal-altari (l-aktar wieħed antik huwa dak tal-Altar tal-Erwieħ tal-1711), u tal-fratellanzi (l-aktar wieħed antik huwa tal-Fratellanza ta' Ġesù u Marija tal-1754);
- kopja tal-Bullettin tal-Ħadd (kważi kollha) mill-1969;
- albums tar-ritratti u DVDs ta' diversi funzjonijiet u attivitajiet li saru fil-Bażilika. Mill-2012 ir-ritratti huma f'forma diġitali;
- dokumenti jew manuskritti ta' Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), tal-Kan. Nikol Vella Apap, tal-Kan. Anton Grech Vella, u tal-istoriku John Bezzina;
- pjanti, skizzi u disinni, fost l-oħrajn ta' Abram Gatt u Carlo Pisi;
- santi tal-mejtin mill-1900 'l hawn li l-funeral tagħhom sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ;
- *database* taż-żwiġijiet (mill-1626 sal-2014) u tal-magħmudijiet (mill-1892 sal-2014). Bħalissa qed issir *database* tal-imwiet (mill-1626 sal-2018).

Nixtieq nikkonkludi dan it-tagħrif billi nirrikonoxxi l-kontribut li taw diversi individwi matul is-snin sabiex il-Parroċċa ta' San Ġorġ ikollha l-Arkivju li jixirqilha – min ta dokumenti, min ritratti, min ħaġa u min oħra. Fuq kollox irrid nirrikonoxxi l-kontribut li jagħtu l-istudenti li jagħżlu li jaħdmu fil-parroċċa tagħna fil-*Work Trial Scheme For Youths* preżentement imħaddma mill-Ministeru għal Għawdex.





# Insellmu

**Dr Ian Portelli (1978-2018)**



Nhar il-5 ta' Ġunju 2018, fil-Bażilika San Ġorġ saret Konċelebrazzjoni funebri b'tifkira ta' Dr Ian Portelli, wild din il-Parroċċa Ġorġjana, li twieled f'Diċembru 1978 u miet fil-belt ta' Poughkeepsie fi New York, l-Istati Uniti tal-Amerika.

Ian beda l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja St Francis u kien membru attiv tal-Piccolo Clero ta' din il-Bażilika u tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (Museum). Fis-sena 1990 ġie magħżul biex imur iservi l-Vatikan mal-grupp tal-abbatini minn Malta u Għawdex, fejn wettqu servizz liturġiku fil-Bażilika ta' San Pietru mid-19 ta' Awwissu sat-18 ta' Settembru. Kompla l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċew, u mbagħad l-edukazzjoni terzjarja fl-Università ta' Malta u fit-Trinity College ta' Dublin. Fl-Università ta' Manchester speċjalizza fil-Bijoġenetika, u mbagħad f'dik ta' Columbia fl-Amerika ta sehem kbir fl-iżvilupp tad-Dipartiment ta' Riċerka dwar il-Mediċina ta' Emerġenza b'kitbiet, ħidmiet u anki b'konferenzi fl-ibgħad bliet tad-dinja.

Wara l-aħħar seminar li mexxa f'Marzu li għadda f'Las Vegas, beda l-kalvarju tiegħu b'dik li ġiet imfissra bħala *"brutal illness"*, li wasslitu għall-mewt fil-25 ta' Mejju li għadda. Il-*Crisis Response Journal* kiteb hekk dwaru: *"He saved lives and was a hero by any definition, even so because he never considered himself to be one... We have lost a treasure".*

*Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*



L-abbati Ian Portelli fil-laqgħa tiegħu mal-Papa Ġwanni Pawlu II, illum qaddis, fil-Vatikan fl-1990.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Mejju – Awwissu 2018

*Andrew Formosa*



**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, flimkien mal-ġenituri tagħhom, fil-Knisja arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem. Dan bħala parti minn Seminar parrokkjali li nżamm fiċ-Ċentru Parrokkjali u fl-Iskola Primarja, u li ntemm bl-ikel flimkien f'Dar Arka.

**» 1 ta' Mejju**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Ġużepp. Wara, inħarġet f'purċissjoni mat-toroq tal-Belt Victoria l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol ta' Wistin Camilleri, li dan l-aħħar kienet irrestawrata minn ibnu Michael.

**» 4 ta' Mejju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa fil-ftuħ tal-Kwaranturi Mqaddsa, li warajha kompliet l-espożizzjoni solenni tas-Sagrament Imqaddes f'kontinwazzjoni mal-quddies u waranofsinhar, kif ukoll l-għada. Fuq xewqa tal-Isqof, fl-2018 għall-ewwel darba l-Kwaranturi fir-Rabat saru fl-istess jiem fil-Parroċċi tal-Katidral u ta' San Ġorġ, kif ukoll fil-Knejjes konventwali tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u l-Patrijiet Agostinjani.

**» 6 ta' Mejju**

**06.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fi Pjazza Indipendenza fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa fir-Rabat, fejn ikkonċelebraw iż-żewġ Arċiprieti tar-Rabat, il-Pirjol ta' Santu Wistin u l-Gwardjan ta' San Franġisk, u l-kleru. Wara, l-Isqof mexxa purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes fit-toroq tal-Belt Victoria li ntemmet mill-ġdid bil-Barka Sagramentali fit-Tokk. Fil-purċissjoni anima b'kant Ewkaristiku l-Kor Laudate Pueri, u ħadu sehem il-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

**» 9 ta' Mejju**

Tħabbar b'mod uffiċjali li l-Parroċċa ta' San Ġorġ ingħatat parzjalment fondi mill-Unjoni Ewropea għar-restawr tal-koppla minn ġew kif ukoll għar-restawr tal-kwadri laterali ta' Francesco V. Zahra.

**» 10 ta' Mejju**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel Ħamis bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ. Mit-tieni ġimgħa 'l quddiem, dawn tmexxew minn Dun Geoffrey George Attard, li żviluppa t-tema tal-qdusija kif kellimna dwarha l-Papa Franġisku fl-aħħar Eżortazzjoni appostolika tiegħu *Ifirħu u thennew*. Fil-quddiesa tal-ewwel Ħamis, l-Arċipriet ħabbar ukoll il-proġetti ta' restawr li l-Parroċċa kienet ser tibbenefika minnhom, u agħmel appell għall-għajnuna tal-parruċċani.

**» 19 ta' Mejju**

**08.00pm:** Saret Velja ta' Talb lill-Ispirtu s-Santu fil-Bażilika bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof l-għada, fejn kienu mistiedna b'mod speċjali l-istudenti tal-Griżma flimkien mal-ġenituri u l-parrini.

**» 20 ta' Mejju**

**11.00am:** Fis-Solennità ta' Għid il-Ħamsin, l-Isqof mexxa l-Quddiesa li fiha amministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lil sitta u tletin student u studenta.

**» 21 ta' Mejju**

Beda l-ġbir bieb bieb marbut mal-Festa interna ta' San Ġorġ.

**» 25 ta' Mejju**

**07.00pm:** Il-Kor tal-Parroċċa Laudate Pueri tella' kunċert organizzat mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi, fil-Knisja tal-Kunċizzjoni f'Tal-Ibraġġ, Malta, b'tislima lill-mibki Prof. Joseph Vella, li kien *Maestro di Cappella* tal-Bażi ika Ġorġjana.

**» 26 ta' Mejju**

L-E.T. Mons. Alfred Xuereb beda l-mandat tiegħu bħala Nunzju tal-Korea ta' Isfel u l-Monogolja, wara li ġie ordnat Arċisqof fil-Vatikan f'Marzu.

**» 27 ta' Mejju**

Inżamm il-*party* komuni għat-tfal li għamlu l-Griżma tal-Isqof, f'*farmhouse* n-Nadur.

**» 3 ta' Ġunju**

**11.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li fiha amministra l-Ewwel Tqarbina lil wieħed u tletin tifel u tifla.

**» 6 ta' Ġunju**

**08.00pm:** Fetħet il-Wieħed u Għoxrin Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival b'kunċert mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri u s-sopran Miriam Cauchi, taħt id-direzzjoni ta' Philip Walsh. Din l-edizzjoni kienet iddedikata lill-memorja tal-Prof. Joseph Vella, li kien l-ewwel Direttur artistiku tal-Festival.

**» 10 ta' Ġunju**

Inżamm il-*party* komuni għat-tfal li għamlu l-Preċett u l-qraba tagħhom, fil-grawnd tal-Qasam tal-Museum tas-Subien, il-Belt Victoria.



**» 17 ta' Ġunju**

**12.30pm:** Il-Parroċċa organizzat ikla fir-Refettorju Parrokkjali fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier u bħala *fundraising*.

**» 30 ta' Ġunju – 8 ta' Lulju**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa n-Novena tal-Festa ta' San Ġorġ bit-tema: *San Ġorġ: iż-Żagħżugħ ta' dejjem.* Għal kull ġurnata kienu mistiedna kategoriji differenti tal-parroċċa u saret Kampanja ta' Ġenerożità. Tul in-Novena tqassmet kalamita bi xbieha ta' San Ġorġ. Fit-tielet jum saret ukoll dawra bit-tren għat-tfal kollha li attendew.

**» 2 ta' Lulju**

Ħarġet sejħa għall-offerti għar-restawr tal-koppla minn ġew u tal-kwadri laterali ta' Francesco V. Zahra mill-Fondazzjoni Kura, li magħha l-Parroċċa ta' San Ġorġ u parroċċi oħrajn ingħaqdu biex qed jibbenefikaw parzjalment minn fondi Ewropej. Is-sejħa għalqet fis-7 ta' Awwissu fl-10.30pm.

**» 5 ta' Lulju**
**10.00am:** Dun Simon Maric Cachia mexxa quddiesa għall-anzjani u l-morda, li fiha ġie amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, sar *get-together* għalihom organizzat mil-Ladies Society fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 8 ta' Lulju**
**11.00am:** Is-saċerdot novell Dun Joseph Hili mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiteral tiegħu.



**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena. Fl-aħħar tagħha saret ċelebrazzjoni li ntemmet bid-dħul tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-Bażilika. Wara, sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.
**» 9 ta' Lulju**
**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert Grandjuż u Finali tal-Wieħed u Għoxrin Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival, bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta u l-vjolinista Carmine Lauri, taħt id-direzzjoni ta' Philip Welsh.
**» 10 ta' Lulju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fil-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.
**08.00pm:** Inħarġet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ min-niċċa, li ddawret mal-Bażilika fejn wara ġiet imqiegħda taħt it-tieni arkata fin-nava tan-nofs tal-korsija.
**09.00pm:** Dun Joseph Hili mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana bit-tema *Bis-sens bħal Ġorġi*, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp *23four>>*.
**» 11-13 ta' Lulju**
**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Dr Joseph Zammit, il-Kan. Joseph A. Borg u Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Patri George Ocar Buttigieg OFMCONV. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Tonio Galea, il-Kan. George DeBrincat u l-Kan. Emanuel Buttigieg, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *Maestro di Cappella*. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum tal-Bażilika.
**» 12-13 ta' Lulju**
**9.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni tal-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Ġużeppi Gauci u l-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, rispettivament.
**» 14 ta' Lulju**
**09.00am:** Mons. Pawlu Cardona, eks-Arċipriet, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-*Te Deum*.
**06.30pm:** Mons. Isqof, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali mill-Knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika.
**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, eks-Arċipriet, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.
**» 15 ta' Lulju**
**08.15am:** Mons. Isqof ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.
**08.30am:** Mons. Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Festa. Niseġ l-omelija sabiħa Patri Marcello Ghirlando OFM.



**06.00pm:** Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Katidral, mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina La Stella laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara, bdiet ħierġa l-Purċissjoni Solenni mmexxija minn Mons. Joseph Sultana, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana La Stella, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.
**10.45pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, bil-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.
**» 22 ta' Lulju:** Ħarġet sejħa pubblika għall-offerti għar-restawr tal-faċċata, il-koppla u l-kampnar tal-Bażilika.
**» 26 ta' Lulju**
**Filgħaxija:** Sar barbikju f'Ħondoq ir-Rummien għall-gruppi tal-adolexxenti tal-Parroċċa.
**» 30 ta' Lulju – 3 ta' Awwissu**
L-Arċipriet mexxa l-Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes.
**» 10-11 ta' Awwissu**
Saret ħarġa għall-abbatini tal-Parroċċa f'Malta.
**» 12 ta' Awwissu**
Inżamm *BBQ buffet* fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali bi ġbir ta' fondi għall-proġetti tal-Parroċċa.
**» 14 ta' Awwissu**
**Filgħaxija:** Ġiet organizzata mawra f'Kemmuna għall-adolexxenti tal-Form 2.
**» 20-24 ta' Awwissu**
Saret mawra fit-tramuntana tal-Italja għall-grupp taż-żgħażagħ tas-6th Form flimkien mal-*leaders* u l-Arċipriet.
**» 25 ta' Awwissu**
**07.30pm:** Fuq stedina tas-Santwarju Ta' Pinu bħala parti mid-devozzjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija, l-Arċipriet mexxa pellegrinaġġ parrokkjali u quddiesa fis-Santwarju. Wara l-quddiesa, sar ružarju meditat fil-pjazza quddiem il-mużajċi tal-Misteri tar-Ruzarju.
**» 27 ta' Awwissu**
**Filgħaxija:** Sar barbikju f'Ħondoq ir-Rummien għall-grupp il-ġdid tal-adolexxenti tal-Form 2.



# PURĊISSJONI TA' SAN ĠUŻEPP MILL-ĠDID WARA KWAŻI SITTIN SENA

abbozz fit-tafal tal-Istatwa ta' San Ġużepp, meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ



# PROĠETTI TA' RESTAWR



## IL-KOPPLA
minn barra u minn ġewwa

## IL-FAĊĊATA TAL-BAŻILIKA
inklużi l-kampnari u l-ġnub

## IL-KWADRI LATERALI TA' FRANCESCO ZAHRA

Bażilika San Ġorġ